# Viżjoni Ħadra għal Ewropa soċjali

## inwittu t-triq

### Il-Viżjoni Ħadra : soċjetà inklussiva u koeżiva

Il-Ħodor Ewropej jirrappreżentaw Ewropa li tiggarantixxi liċ-ċittadini kollha l-possibiltà li jemanċipaw lilhom infushom, li jistabbilixxu il-ħajja tagħhom fid-diversità u li jipparteċipaw fis-soċjetà. Iċ-ċittadini għandhom igawdu opportunitajiet u drittijiet ugwali u jibbenefikaw minn politika soċjali attiva u protezzjoni soċjali qawwija. Fil-perspettiva tagħna, dawn l-għanijiet huma importanti daqs l-għanijiet ekoloġiċi u ekonomiċi. Il-ħodor jiċħdu globalizzazzjoni neo liberali li tkabbar in-nuqqas ta' sigurtà u l-kompetizzjoni ta' kulħadd kontra kulħadd. Is-solidarjetà u r-responsabiltà għandhom ikunu l-bażi ta' soċjetà inklussiva u koeżiva.

Hija r-responsabiltà tas-soċjetà li toħloq kundizzjonijiet biex iċ-ċittadini jwettqu t-talenti u l-ambizzjonijiet tagħhom, sabiex jagħżlu ħajjithom u jipparteċipaw. Għandha tindokra l-ġustizzja soċjali u l-inklużjoni soċjali għal kulħadd. Dan ifisser pereżempju aċċess universali għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, id-djar, xogħol xieraq, servizzi soċjali eċċ…. Għandna bżonn ta' sistema ta' sigurtà soċjali qawwija li tipproteġi ċ-ċittadini kontra r-riskji soċjali. Is-soċjetà għandha tassigura li ma ssir diskriminazzjoni kontra ħadd minħabba sess, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, orjentazzjoni sesswali, diżabilità. Barra minn dan, jekk il-politika soċjali għandha l-għan li tagħti s-setgħa lin-nies, allura għandha tippermetti għażliet individwali, u li tiġi evitata n-nassa ta' "daqs wieħed jgħodd għal kulħadd". Jekk is-soċjetà trid taqdi r-responsabiltajiet tagħha kollha, għandha tiddedika mezzi finanzjarji u umani sostanzjali għall-politika soċjali. Għalina l-Ħodor, dan huwa investiment fin-nies, mhux biss piż fuq il-baġit tal-Gvern. Soċjetà soċjalment sostenibbli hija fil-qalba tar-responsabiltajiet tal-gvern. Għandha tiddefinixxi r-regoli u tinfurzahom; għandha torganizza l-finanzjament ta' politika soċjali u u tiggarantixxi aċċess ugwali. Aħna l-Ħodor ħadna pożizzjoni kontra l-privatizzazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

Soċjetà soċjalment sostenibbli hija wkoll responsabiltà korporattiva. L-impriżi, l-istituzzjonijiet u s-soċjetà ċivili organizzata għandhom rwol importanti fil-ħolqien ta' soċjetà soċjalment sostenibbli, minħabba li dawn l-organizzazzjonijiet huma flimkien ħallieqa ta' partijiet importanti ta' ħajjet iċ-ċittadini – speċjalment tal-ħajja tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Irridu noffrulhom impjiegi diċenti, biex ikun hemm bilanċ sostenibbli bejn

ix-xogħol u l-ħajja, bil-possibiltà ta' tagħlim tul il-ħajja … Barra minn hekk, għandhom ikunu kontributuri finanzjarji ewlenin fil-finanzjament tal-politiki soċjali.

Għalina l-Hodor, soċjetà inklussiva u koeżiva mhijiex triq b'direzzjoni waħda mill-istat għaċ-ċittadini. Nemmnu li lkoll għandna r-responsabiltà ta' ħajjitna, lejn xulxin u lejn is-soċjetà. Irridu li kull ċittadin jipparteċipa f'soċjetà multi attiva, fejn ix-xogħol bi ħlas huwa mod kif wieħed jipparteċipa, iżda ċertament mhux l-uniku mezz. Il-kura tal-qraba, ix-xogħol volontarju, l-involviment f'inizjattivi komunitarji… huma lkoll forom ta' parteċipazzjoni essenzjali għal soċjetà sostenibbli u għalhekk għandhom ikunu rikonoxxuti mis-soċjetà. Iċ-ċittadini jassumu r-responsabiltà hija parti neċessarja fil-ħolqien ta' soċjetà soċjalment sostenibbli. Huwa għalhekk essenzjali li nimmotivawhom u nagħtuhom l-għodod biex iwettqu dan il-għan.

Għadd ta' għanijiet li ilhom jiffurmaw parti mill-politika soċjali tagħna, bħal ma hija t-tneħħija tad-diskriminazzjoni bejn is-sessi jew il-qerda tal-faqar … għadhom ma ntlaħqux. Barra minn hekk, nibtu sfidi ġodda, fosthom ir-rata tiżdied ta' bdil ta' impjiegi, l-għadd jiżdied ta' ħaddiema prekarji, il-miġja tal-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni, iż-żieda tal-anzjani fis-soċjetajiet tagħna. Huwa għalhekk li hemm bżonn ta' trasformazzjoni ambizzjuża tal-politiki soċjali tagħna u l-finanzjament tagħhom, bis-solidarjetà fil-qalba tagħhom.

Għalina l-Hodor, il-bini ta' Ewropa soċjali tfisser politika soċjali b'saħħitha fil-livelli kollha tal-gvern – lokali, reġjonali, nazzjonali *u* fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Unjoni soċjali tfisser li l-inklużjoni soċjali ssir waħda mill-għanijiet ewlenin tal-politiki tal-UE. Minflok soluzzjonijiet uniformi riġidi nappoġġjaw mudell ta' sigurtà soċjali li jagħti opportunitajiet ugwali lin-nies biex jagħżlu kif jgħixu ħajjithom b'modi diversi.

## Għaliex ma nistgħux nibqgħu għaddejjin kif aħna

L-isfida li qed jiffaċċjaw is-soċjetajiet Ewropej hija enormi. L-Ewropa tidher aktar sinjura minn qabel, madankollu qed jiżdiedu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Fl-aħħar 20 sena, kibret in-nuqqas ta' ugwaljanza fit-tqassim ekonomiku fi kważi l-pajjiżi kollha Ewropej : is-sehem relattiv tal-PGD niżel fil-konfront tal-kapital, filwaqt li żdied sew in-nuqqas ta' ugwaljanza fid-dħul. Fl-istess ħin, politiki tat-tneħħija tad-dejn fil-baġit u l-kompetizzjoni fit-taxxi naqqsu l-possibilità ta' alternattivi għall-kumpens u t-tqassim mill-ġdid tal-politiki soċjali. Il-globalizzazzjoni li tinkoraġġixxi ġirja lejn il-qiegħ fl-istandards soċjali, popolazzjoni dejjem tixjieħ, bdil teknloġiku kbir, iż-żieda fl-inugwaljanzi soċjali huma uħud mill-fatturi li huma ta' sfida għall-mudell ta' solidarjetà Ewropea. Il-fatt li l-kriżi fl-enerġija twassal għal żieda fenomenali fil-preżżijiet taż-żejt kif ukoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel qed joħloq aktar tħarbit soċjali.

Ir-realtà hija li l-Kummissjoni Barroso kif ukoll il-maġġoranza konservattiva li tiddomina l-Kunsill tal-UE u l-Parlament ma wieġbux għal dawn l-isfidi. Minflok, il-politiki tagħhom qegħdin dejjem jimminaw is-sigurtà soċjali fl-Istati Ewropej. Eżempju riċenti u sinifikattiv ta' din ix-xejra kienet il-proposta tal-Kunsill dwar id-direttiva fuq il-ħin tax-xogħol li twassal biex il-medja massima fil-ġimgħa tal-ħinijiet tax-xogħol ssir bejn 60 u 65 siegħa. Id-Direttiva dwar is-Servizzi hija wkoll eżempju tajjeb tad-direzzjoni li qed tieħu l-Kummissjoni. Anki jekk id-direttiva adottata hija 'l bogħod mill-proposta Bolkestein oriġinali għadha tinkludi għadd kbir ta' xquq.

Ma ttiħdux miżuri importanti bħad-Direttiva dwar is-Servizz ta' Interess Ġenerali, sabiex ikun assigurat aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa ta' kwalità għolja. Hemm tendenza dejjem tikber min-naħa tal-Kummissjoni, immexxija minn José Manuel Barroso biex kwistjonijiet ta' inklużjoni soċjali jitqegħdu fil-ġenb; ir-regoli tas-suq intern ikomplu jkunu ta' prijorità fuq id-drittijiet soċjali fundamentali.

Ta' spiss wisq, pereżempju dwar id-direttiva tas-servizzi jew dwar it-tassazzjoni tal-ispekulazzjoni finanzjarja, il-Ħodor kienu l-uniċi li ppropenew alternattiva kredibbli għall-politiki konservattivi u neoliberali li ddominaw l-aġenda politika Ewropea. Barra minn hekk, ħafna minn dawk li jgħidu li jaspiraw li jkun hemm Ewropa soċjali fil-fatt jopponu kwalunkwe rwol għall-UE f'dak l-ispazju.

Attwalment, l-istrument ewlieni tal-UE fil-qasam soċjali huwa l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (*Open Method of Coordination - OMC*). S'issa, ma rnexxilux isaħħaħ id-dimensjoni soċjali Ewropea, minħabba li jiddependi fuq l-għanijiet ekonomiċi u tal-baġit parzjali tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir u fuq l-aġenda ta' Liżbona ta' suq uniku. Din id-dipendenza trid tinqata' jekk irridu li l-OMC tagħti r-riżultati.

Il-Ħodor Ewropej jikkritikaw ukoll bil-qawwa d-deċiżjonijiet riċenti mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'każijiet relatati mas-suq tax-xogħol (Laval, Viking u Rüffert) li jimminaw id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema u d-dritt tat-trejdunjins biex jorganizzaw u jikkumbattu favur id-drittijiet tal-ħaddiema.

Ma nistgħux inkomplu fl-istat attwali; il-konsegwenzi soċjali tiegħu huma biżżejjed ovvji.

Anki jekk l-UE huwa wieħed mill-aktar reġjuni ekonomikament sinjuri tad-dinja, l-istatistika turi li l-Ewropa qed tiffaċċja problema serja ta' faqar. B'kollox, 76 miljun ċittadin Ewropew jgħixu taħt il-linja tal-faqar (dħul ta' familja li huwa 60% jew inqas mid-dħul nazzjonali medju ta' familja) u 36 miljun għandhom jitqiesu fit-tarf ta' dak ir-riskju.

Kważi 20% jew 18-il miljun tifel u tifla u żgħażagħ taħt it-18-il sena huma f'riskju ta' faqar. L-aħħar tletin sena raw żieda sinifikanti fir-rati ta' faqar fost it-tfal li fl-istati membri kollha li huma ogħla minn fost il-popolazzjoni kollha kemm hi. Tfal bl-akbar riskju ta' faqar jgħixu f'familji b'ġenitur wieħed u fil-familji li jimmigraw. Filwaqt li in ġenerali s-sitwazzjoni tal-anzjani tjiebet fl-aħħar snin, għadd kbir ta' anzjani għadhom jgħixu fil-faqar. Skont il-Kummissjoni tal-UE wieħed minn kull sitt anzjani, l-aktar nisa, jgħixu fil-faqar.

Il-faqar jimxi id f'id mar-rati għolja tal-qgħad. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu qrib l-20% fl-UE u għola d-doppju daqs ir-rata totali tal-qgħad. Barra minn hekk, l-Ewropa għandha rata tiżdied ta' ħaddiema foqra. Pereżempju, anki jekk ir-rata tal-qgħad fost in-nisa kibret fl-aħħar snin, ħafna impjiegi ġodda li nħolqu għan-nisa fis-settur tas-servizzi huma prekarji u mħallsin ftit li xejn. Imqabbla mas-6,6% tal-irġiel, 30,5% tan-nisa li jaħdmu fl-UE għandhom impjieg part-time, għażla li ta' spiss kienet imposta fuqhom minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet biex jieħdu ħsieb it-tfal bi prezz affordabbli. Barra minn hekk, għadd dejjem jiżdied ta' nies qegħdin ikunu mġegħla jaċċettaw kuntratti ta' xogħol temporanji mingħajr protezzjoni soċjali ugwali. B'kollox, sa 8% tal-persuni impjegati għandhom jitqiesu f'riskju ta' faqar minħabba l-qagħda prekarja tagħhom jew il-pagi baxxi.

Il-bidla lejn ekonomija bbażata aktar fuq l-għarfien qed tkabbar ir-riskju ta' soċjetà maqsumja fi tnejn hekk kif għadd dejjem jikber ta' nies b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni jiffaċċjaw ir-riskju li jitqiesu strutturalment żejda. Fl-istess ħin is-sistemi edukattivi tagħna għadhom ma jistgħux jiżviluppaw it-talenti ta' kulħadd. F'ħafna pajjiżi, il-kwalità tal-edukazzjoni tbati min-nuqqas ta' impjegati u minn infrastruttura tajba. Barra minn hekk, l-appoġġ individwali kontinwu u metodi innovattivi ta' tagħlim mhumiex qegħdin jiġu implimentati. Attwalment l-ambjent soċjali qiegħed jiddetermina il-kurrikulu edukattiv taż-żgħażagħ. Hemm wisq tfal li ġejjin minn familji bi dħul baxx u minn ambjenti etniċi u kulturali differenti li jabbandunaw is-sistemi edukattivi tagħna.

Iċ-ċaqlieq dejjem jiżdied ta' ċittadini biex jaħdmu, biex imorru għal vaganzi u għall-istudju jesiġi koordinazzjoni aħjar ta' politiki u sistemi tas-saħħa fl-UE. Din il-ħtieġa hija msaħħa bil-moviment jiżdied ta' pazjenti u professjonisti tal-kura tas-saħħa li jfittxu u joffru kura tas-saħħa bejn il-fruntieri. Din il-ħtieġa ta' koordinazzjoni Ewropea aħjar qed tikber fi żmien, meta s-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-UE kollha qed jiffaċċjaw diffikultajiet dejjem akbar biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-pubbliku, il-popolazzjonijiet jixjieħu, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji u tekniċi ġodda tas-saħħa fi ħdan ir-riżorsi disponibbli.

Hemm bżonn ta' politika soċjali Ewropea li tikkumplimenta u tappoġġja s-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali biex jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u tintlaħaq il-mira ta' soċjeta li hija tassew inklussiva.

Ewropa verament ġusta u sostenibbli jeħtieġ li tinkludi perspettiva globali. Politiki kummerċjali u ta' migrazzjoni attwali li mhumiex ġusti u huma aggressivi lejn il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw huma distruttivi. Fl-aħħar mill-aħħar teħtieġ distribuzzjoni aktar ekwa tad-dħul u l-ġid – mhux biss fi ħdan l-Ewropa imma mad-dinja kollha. Sabiex jintlaħaq dak il-għan l-UE għandha tadotta l-għan ewlieni li ġġib 'il quddiem tranżizzjoni fundamentali lejn mudell ta' globalizzazzjoni u żvilupp iktar bilanċjat u ekwu. Fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw dan jinkludi relazzjonijiet kummerċjali dwar non-reċiproċità u għajnuna speċifika biex jinkisbu d-drittijiet tal-bniedem u standards ambjentali u soċjali sostenibbli. Barra minn hekk jeħtieġu b'mod urġenti politiki għal swieq stabbli u li jiffavorixxu l-iżvilupp, aktar żvilupp u strateġija ta' sigurtà umana komprensiva.

# X'inhi Ewropa soċjali? Il-proposti tagħna

Il-poplu jipparteċipa fis-soċjetà f'ħafna rwol differenti u f'setturi differenti : il-familja, id-dinja tax-xogħol, il-komunità, in-netwerks soċjali, l-edukazzjoni, is-swieq, id-demokrazija... Il-Ħodor Ewropej jirrikonoxxu li n-nuqqas ta' possibiltà ta' aċċess diċenti għal wieħed jew aktar minn dawn l-oqsma jista' jirriżulta f'segregazzjoni soċjali u jwassal għall-esklużjoni. Soċjetà li taċċetta l-esklużjoni hija ta' ħsara għall-membri tagħha u għaliha nnifisha. L-inklużjoni soċjali tal-membri kollha ta' soċjetà għalhekk mhuwiex biss imperattiv morali, iżda dritt inaljenabbli ta' kwalunkwe ċittadin kif ukoll ħtieġa bażika għal soċjetà ħielsa, parteċipattiva, paċifika iżda anki innovattiva u dinamika. L-inklużjoni soċjali hija wkoll prekondizzjoni għal soċjetà bilanċjata għas-sessi u ħielsa mid-diskriminazzjoni.

L-idea tagħna ta' inklużjoni soċjali tħaddan id-drittijiet soċjali bażiċi, inkluż id-dritt għad-dħul finanzjarju, djar bi prezz affordabbli, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol, ambjent tajjeb, kultura eċċ. u garanzija ta' sigurtà soċjali. Tinkludi wkoll dħul finanzjarju ġust għax-xogħol, biżżejjed benefiċċji għal dawk li jeħtiġuhom, aċċess liberu għas-servizzi pubbliċi bħall-kura tat-tfal iżda anki dritt individwali għall-prodotti u servizzi kollha ta' interess ġenerali : l-enerġija, l-ilma, il-mobilità mwieżna b'sistema żviluppata sew ta' transport pubbliku; spazju pubbliku għat-tfal u ż-żgħażagħ biex iwettqu l-ideat tagħhom, appoġġ lill-pubbliku biex jadatta appartamenti u spazju pubbliku b'mod ekoloġiku, ikel bnin u livell għoli ta' servizzi ta' appoġġ soċjali bżonnjużi u ħielsa mill-ostakli. Il-ħajja tfisser ħafna aktar mill-irqad, l-ikel u x-xogħol.

Fi ħdan l-Ewropa, l-organizzazzjoni tal-istat ta' sigurtà soċjali kienet s'issa taqa' taħt il-kompetenza nazzjonali. Filwaqt li nemmnu li l-Unjoni Ewropea m'għandiex timmira biex tiżviluppa stat soċjali li "huwa tajjeb għal kulħadd" li jieħu post dawk fis-seħħ fil-livell nazzjonali, nemmnu li għandha rwol dejjem ikbar f'dak il-qasam. Il-Ħodor mhumiex ifittxu li jkun hemm armonizzazzjoni totali tal-mudell soċjali tal-UE, iżda pjuttost għal standards minimi li kull stat soċjali għandu jiggarantixxi. Lil hinn minn dan, il-kulturi u mudelli differenti tal-istati membri jistgħu jibqgħu kif iċ-ċittadini jriduhom.

L-ewwelnett, minħabba li rridu nkabbru l-ġustizzja soċjali kemm fi ħdan kif ukoll bejn l-istati membri, nemmnu li l-UE għandha taġixxi biex iġġib 'il quddiem il-konverġenzi tal-istandards soċjali fost il-membri tagħha. M'hemmx ċittadini tat-tieni klassi fl-UE. Bħala eżempju, aħna l-Ħodor nemmnu li l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir tal-UE għandu jinbidel b'wieħed li jikkunsidra wkoll l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, li rridu npoġġu fil-qalba tal-istrateġija tal-UE. B'mod konkret, għandu per eżempju jinkludi miri li jorbtu fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ir-rati tal-impjiegi, il-livelli ta' faqar – speċjalment għat-tfal – u l-livell tat-tnaqqis naturali ta' kapital... Il-politiki ekonomika u soċjali għandhom jikkumplimentaw lil xulxin b'mod sostenibbli u ġust.

It-tieninett, minħabba li l-moviment liberu huwa dritt taċ-ċittadini tal-UE, fadal ħafna xi jsir biex ikun assigurat li dawk li huma residenti legalment fl-UE jgawdu koperatura soċjali solida meta

jgħixu, jistudjaw, jaħdmu jew sempliċement iżuru Stat Membru ieħor.

Barra minn hekk, fi spirtu ta' solidarjetà estiża, il-Ħodor jemmnu li l-UE għandha tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn kwalunkwe Stat Membru tagħha biex jiġu żviluppati inizjattivi komuni fil-qasam tal-politika soċjali, fuq bażi volontarja.

## L-assigurazzjoni ta' dħul diċenti

In-nuqqas ta' kapaċità ekonomika huwa wieħed mill-fatturi ewlenin tal-esklużjoni soċjali. L-impjiegi jistgħu ma jkunux l-uniku mod ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà iżda jipprovdu dħul finanzjarju, jagħtu lok għal kuntatt soċjali, jippermettu organizzazzjoni politika u soċjali, jagħtu f'ħafna każijiet aċċess għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali. Dħul finanzjarju diċenti huwa kruċjali biex ikun hemm inklużjoni soċjali, u għalhekk aħna l-Ħodor irridu nimmassimizzaw l-aċċess biex kulħadd ikollu impjieg diċenti u jingħata dħul finanzjarju (benefiċċji tal-qgħad, leave għall-ġenituri, pensjonijiet, benefiċċji soċjali, benefiċċji għall-istudenti…) matul il-perjodu tal-ħajja fin-nuqqas ta' impjieg full-time bi ħlas.

Impjiegi meqjusa mhux standard daħlu fil-ħajja tagħna tax-xogħol b'mod permanenti u anki d-definizzjoni tax-xogħol inbidlet; jeħtieġ nadattaw il-liġijiet tagħna skont dan. Is-sigurtà socċjali għal dawk li jaħdmu temporanjament, għall-ħaddiema fi proġetti u l-imprendituri hija dgħajfa. Għadd konsiderevoli tal-popolazzjoni adulta jsibu rwieħhom f'pożizzjoni marġinalizzata fis-suq tax-xogħol : impjieg tajjeb mhuwiex disponibbli u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' sigurtà soċjali jxekklu il-kapaċità tagħhom biex ikollhom impjieg. Għandna bżonn noħolqu mudell ta' sigurtà soċjali li jiggarantixxi l-istess sigurtà pereżempju għall-ħaddiema temporanji, għan-nies li jikkumbinaw ix-xogħol free lance, l-imprenditorjat u l-ischolarship għad-dħul regolari tagħhom bħall-"ħaddiema regolari". Għandna bzonn sigurtà soċjali u riforma fit-tassazzjoni li jtejbu s-sigurtà bażika u jinkoraġġixxu l-attività.

***Għalhekk, aħna l-Hodor nipproponu :***

- **Paga ġusta għal xogħol ġust** : ara l-kapitolu dwar "Impjieg xieraq"

- **Dħul minimu**, garantit b'sigurtà soċjali, 'il fuq mil-linja tal-faqar għal dawk kollha fil-bżonn. Dan id-dħul jista' jinkludi kontribuzzjonijiet fi prodotti. Barra minn hekk, sabiex titjieb is-sigurtà soċjali, aħna l-Ħodor nipproponu studju tal-possibiltà u l-implikazzjonijiet ta' mudelli bażiċi ta' dħul, billi jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-kondizjonalità u l-universalità.

- **Li l-benefiċċji kollha ta' sigurtà soċjali jkunu elenkati** fiż-żidiet tad-dħul nazzjonali

per capita biex tkun assigurata almenu rata stabbli ta' bidla bejn il-benefiċċji soċjali u dħul ieħor.

- **Taxxa tad-dħul ekwa u progressiva :** Għall-Hodor, biex tkun assigurata l-ekwità, it-taxxa tad-dħul għandha tqis l-għejjun kollha ta' dħul. It-tassazzjoni tad-dħul, 'il fuq minn livell minimu, għandha tkun progressiva biex tassigura li n-nies jikkontribwixxu skont il-kapaċità tagħhom li jħallsu. L-eżenzjonijiet mit-tassazzjoni għandhom ikun soċjalment u ambjentalment ġusti u jinkoraġġixxu investiment sostenibbli.

## Servizzi ta' interess ġenerali : fattur essenzjali għall-inklużjoni

Sabiex tinkiseb soċjetà koeżiva u inklussiva, hija r-responsabiltà tal-gvernijiet li jassiguraw li jingħataw firxa ta' servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità għolja u li dawn ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha. Dawn għandhom ikopru il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali, l-enerġija u l-ilma, it-trasport pubbliku, il-kura tat-tfal, il-ġestjoni tal-iskart, l-aċċess għan-netwerks u servizzi postali ta' informazzjoni u komunikazzjoni…. Is-settur pubbliku huwa naturalment l-aħjar mezz biex jipproduċi servizzi pubbliċi bħas-sistema ġudizzjarja, sigurtà interna u esterna, amministrazzjoni, infrastruttura… Iżda xi attivitajiet ekonomiċi jistgħu jitmexxew ukoll minn impriżi pubbliċi jekk il-komunità jidrilha li dan huwa l-aħjar għal kulħadd.

Il-Hodor m'għandhomx pożizzjoni ideoloġika dwar min imexxi s-servizzi u l-industriji u soluzzjonijiet differenti jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi differenti ta' pajjiżi differenti. Dak li rridu huwa aċċess ugwali u affordabbli, servizz ta' kwalità għolja, u l-inklużjoni tal-ambjent globali u n-nefqa soċjali. Ninnutaw li fil-qasam tas-servizzi pubbliċi, m'hemmx evidenza empirika ċara li s-settur privat jagħti servizz aħjar is-settur pubbliku, b'mod aktar effiċjenti u effettiv. Nemmnu wkoll li s-servizzi pubbliċi għandhom rwol partikolari biex jipprovdu koeżjoni soċjali. F'setturi bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-ilma u t-trasport pubbliku, is-settur pubbliku għandu jibqa' l-attur ewlieni għaliex il-loġika tas-suq għandha t-tendenza li teskludi dawk l-aktar fqar u li tibni aktar inġustizzji.

Il-ftuħ tas-suq mhuwiex għan fih innifsu, iżda eventwalment mezz biex jiffaċilita il-kisba ta' servizz universali ta' kwalità għolja. F'każ ta' kontradizzjoni bejn l-għan ta' servizz universali u l-liberalizzazzjoni, għandhom jinstabu jew ikunu sostnuti mezzi oħra biex ikun assigurat servizz universali. Huwa kruċjali li jiġi assigurat li l-interess ġenerali jirbah fuq ir-regoli tal-kompetizzjoni f'kull każ, foshom is-servizzi ekonomiċi. Tabilħaqq, il-kisba ta' żvilupp sostenibbli jitlob li l-interess pubbliku jitqies fl-attivitajiet kollha, ekonomiċi u dawk li mhumiex.

Barra minn hekk, il-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni fis-servizzi pubbliċi pereżempju is-servizzi postali jew it-trasport pubbliku f'ħafna każi kellhom impatt detrimentali fuq l-impjiegi. Karatteristiċi ġenerali tal-impjiegi fis-settur pubbliku bħal livelli għolja ta' sħubija

f'unjin, kopertura estensiva ta' negozjar u kundizzjonijiet ta' impjiegi u xogħol relattivament omoġenji, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar iqanqlu mistoqsijiet flimkien mal-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi f'xi pajjiżi.

F'għadd ta' setturi u pajjiżi, kompetituri ġodda m'huma koperti b'ebda ftehim kollettiv jew ftehim kollettiv differenti u jgawdu minn standards aktar baxxi ta' impjiegi (pagi aktar baxxi u sigħat tax-xogħol itwal jew aktar flessibbli). Minħabba n-nuqqas ta' dawn il-kundizzjonijiet ugwali, il-kompetizzjoni f'dawn is-setturi qed thedded li taqbad it-triq tan-niżla bir-riżultat li uħud mill-fornituri jużaw it-tnaqqis fil-pagi bħala metodu biex ikabbru l-kompetittività tagħhom.

***Għalhekk, aħna l-Ħodor nipproponu :***

- **Livell garantit ta' provvista ta' ilma u enerġija :** L-ilma u l-enerġija huma ħtiġijiet bażiċi tal-ħajja; Il-Ħodor jappoġġaw il-fatt li jkunu fornuti kwantitajiet minimi garantiti, flimkien ma' tariffi progressivi li jaraw il-prezz jikber skond il-kwantità, u b'hekk jinkoraġġixxu l-użu aktar responsabbli tar-riżorsi.

- **Isir aktar demokratiku it-teħid tad-deċiżjonijiet fuq l-SGI's :** sabiex jassiguraw possibiltajiet ugwali fil-ħajja dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom jinvolvu liċ-ċittadini fid-diskussjoni u fid-definizzjoni ta' livelli u standards ta' servizz ta' kwalità tas-servizzi kollha ta' interess ġenerali. L-obbligazzjonijiet tas-servizz universali għandhom ikunu definiti f'kull Stat Membru mill-gvernijiet billi jassiguraw il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, fostho organizzazzjonijiet tal-ħarsien tal-konsumatur u l-imsieħba soċjali.

- **Impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti** li jkollhom impatt pożittiv fuq il-produttività u l-kwalità tas-servizz. Fornituri ġodda għandhom ikunu koperti bis-sistema ta' negozjar kollettiv, u joffru kuntratti regolari taż xogħol u dħul diċenti sabiex jiġu evitati proċessi tas-sensjar f'settur liberalizzat.

- ***Self-determination*** **dwar il-metodi biex jiġi assigurat aċċess ugwali fis-servizzi pubbliċi.** L-Istati Membri għandhom jitħallew li jesiġu fil-partijiet kollha tat-territorju tagħhom firxa sħiħa ta' obbligi ta' servizz universali. Kull stat membru għandu jara kif jassigura standards ta' kwalità tas-servizzi pubbliċi bħal ma huwa l-aċċess ugwali għas-servizzi postali f'żoni remoti jew bi ftit li xejn popolazzjoni – pereżempju permezz ta' monopolji nazzjonali jew bis-sussudjar ta' obbligi universali ta' servizz f'żoni bi ftit popolazzjoni.

- **Direttiva tal-UE dwar Servizzi ta' Interess Ġenerali (SGI).** Sabiex tkun żviluppata d-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea huwa importanti li jkun hemm direttiva tal-UE dwar Servizzi ta' Interess Ġenerali (SGI), li tagħti lis-servizzi pubbliċi bażi legali soda u indipendenti, li jeskludu l-miri taż suq liberu milli jiddominaw is-servizzi pubbliċi li jkunu prodotti u mqassma. Servizzi ta' interess ġenerali huma dawk li jitqegħdu taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika kompetenti fi ħdan il-qafas ta' sistema tas-servizz pubbliku jew obbligazzjonijiet ta' servizz universali.

## L-edukazzjoni, il-pedament ta' soċjetà sostenibbli

L-edukazzjoni tfisser ħafna aktar mill-kisba edukattiva. Hija ingredjent ewlieni li tippermetti li kull persuna tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha, tibni ħajjitha b'mod awtonomu, li jissodisfa u li jkun ibbażat fuq is-solidarjetà. Din hija l-qalba tal-viżjoni li l-Ħodor għandhom ta' soċjetà sostenibbli. Huwa imperattiv morali, hekk kif il-bnedmin ilkoll twieldu bl-istess drittijiet u hija għodda ewlenija li tkisser it-tfassil strett ta' ħajjitna permezz tal-ambjent soċjali ta' dan li jkun. It-tisħiħ tad-dritt ta' kulħadd biex ikollu edukazzjoni hija ħtieġa bażika jekk irridu li Ewropa kreattiva tassumi ir-rwol u r-responsabiltà sħiħa tagħha fil-bini ta' dinja sostenibbli. Għalhekk, l-edukazzjoni għandha tkun waħda mill-prijoritajiet tal-baġits tal-gvernijiet tagħna.

Ħafna nuqqasijiet – l-esklużjoni, id-diskriminazzjoni, il-qgħad, il-faqar,... - tas-soċjetajiet tagħna huma r-riżultat ewlieni ta' falliment fl-edukazzjoni. Ta' spiss, l-iskola tfalli fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali bejn it-tfal, u kultant anki taggravahom. Huwa l-post fejn tibda l-inklużjoni – jew l-esklużjoni – ta' persuna. Għandha għalhekk timmira biex kulħadd jikseb suċċess, u tassigura li kulħadd ikollu aċċess għall-għarfien u l-ħiliet u l-appoġġ xieraq – kemm intellettwalli kif ukoll prattiku – u tevita li minn kmieni it-tfal ikunu orjentati fi skemi dojoq ta' edukazzjoni.

Għalina l-Ħodor, l-edukazzjoni mhijiex biss kunċett akkademiku. L-iskola hija wkoll il-post fejn it-tfal jkunu jistgħu jiżviluppaw il-personalità u l-kapaċitajiet tagħhom fl-oqsma kollha bħall-arti, in-natura, l-isports. Is-sistemi edukattivi tagħna għandhom jintegraw dawn id-dimensjonijiet kollha sa mill-aktar età tenera, u jinkludu t-tagħlim permezz tal-esperjenza. Dan jitlob kooperazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-ħafna tipi ta' assoċjazzjonijiet lokali.

Il-kindergarten, u imbagħad l-iskola huma l-ewwel postijiet barra l-familja, fejn it-tfal jiksbu esperjenza ta' ħajja soċjali. Jiddeterminaw ħafna l-mod ta' kif huma jfasslu l-viżjoni tagħhom tas-soċjetà. Għalhekk huwa kruċjali li l-istituzzjonijiet edukattivi jaħdmu bħala l-post fejn il-valuri bħad-demokrazija, is-solidarjetà, in-non vjolenza u l-kuxjenza ekoloġika mhux biss ikunu mgħallma imma anki jsiru l-mod ta' għixien fuq bażi ta' kuljum. F'dak is-sens, huwa essenzjali li l-partijiet kollha interessati – it-tfal u l-istudenti, l-għalliema, il-ġenituri kif ukoll is-sħab esterni – jkunu assoċjati mal-ġestjoni tal-istituzzjonijiet edukattivi. L-iskola għandha tkun ukoll il-post fejn wieħed jitgħallem jgħix f'soċjetà multikulturali u li jgħożż il-valuri tad-diversità u l-iskambji interkulturali. Sħubija soda bejn fruntiera u oħra bejn istituzzjonijiet edukattivi hija għodda eċċellenti biex jitkabbru l-orizzonti tal-istudenti u jisseddqu mħuħ aktar miftuħa.

Minbarra li huma post tat-tagħlim, l-istituzzjonijiet edukattivi huma wkoll post fejn dak li jkun iqatta' parti kbira tal-ħajja attiva tiegħu. Għalhekk għandhom jipprovdu ambjent ta' ħidma sikur u b'saħħtu, li hija prekundizzjoni għall-iżvilupp tal-personalità u l-kapaċitajiet ta' kulħadd.

Barra minn hekk, l-edukazzjoni mhijiex xi ħaġa li tinkiseb biss fis-snin taż-żgħożija; f'dinja dejjem tinbidel, l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-individwi jevolvu maż-żmien. Għandha tingħata l-opportunità lil kulħadd biex jirċievi edukazzjoni tul ħajtu.

Minħabba li l-edukazzjoni hija dritt u ħtieġa bażika, aħna l-Ħodor ninsabu għal kollox kontra li tkun immexxija minn mekkaniżmi tas-suq, fi kwalunkwe livell. Inqisuha bħala wieħed mill-aktar servizzi importanti ta' interess ġenerali, u għalhekk il-gvernijiet għandhom iżommu r-responsabiltà li jiddefinixxu l-għanijiet tas-sistemi edukattivi tagħhom, indipendentement minn interessi ekonomiċi fuq perjodu ta' żmien qasir, u li jipprovdu l-mezzi xierqa biex iwettquhom. Fi ħdan dak il-qafas, l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom igawdu livell ta' awtonomija li jippermettilhom jiddeċiedu kif jiksbu l-għanijiet tagħhom bl-aħjar mod.

***Għalhekk, aħna l-Ħodor nipproponu :***

- **Edukazzjoni b'xejn** : il-gvernijiet għandhom jipprovdu edukazzjoni b'xejn għal kulħadd u mingħajr diskriminazzjoni fil-kindergartens, l-iskejjel primarji u sekondarji. L-edukazzjoni ogħla wkoll għandha tkun bla ħlas; l-ebda pajjiż ma jista' jaħli r-riżorsi tiegħu u jiggarantixxi biss edukazzjoni ogħla liċ-ċittadini sinjuri.

- **Miżuri kontra d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni :** sabiex jonqos in-numru ta' studenti li jitilqu l-istudji tagħhom, il-Ħodor jappoġġjaw sforzi mkattra (fl-istaff u l-infrastrutturi) li għandhom l-għan li jippermettu l-aktar gruppi soċjali vulnerabbli jiksbu integrazzjoni reali fis-sistemi edukattivi tagħna. Għalhekk nippromwovu l-ħolqien ta' skejjel integrattivi, li għandhom il-għan li jġibu flimkien u jżommu flimkien tfal u studenti minn ambjenti soċjali differenti. Skejjel li jinsabu f'żoni b'livell ogħla ta' diversità etnika u soċjali għandhom igawdu minn diskriminazzjoni pożittiva. Il-kontenut innifsu tal-edukazzjoni għandu jkun aktar miftuħ għad-diversità kulturali.

- L-istituzzjonijiet edukattivi kollha għandhom ikollhom parti attiva fil-kisba ta' ugwaljanza bejn is-sessi fis-soċjetajiet tagħna. Dan ifisser l-introduzzjoni ta' suġġetti relatati fil-kurrikula, il-ġlieda kontra l-preġudizzji sessisti fil-kurrika u fil-kotba tal-iskola kif ukoll attenzjoni speċjali lejn il-bilanċ bejn is-sessi fost l-għalliema kif ukoll fil-korpi ta' tmexxija tal-iskejjel. Il-preġudizzji sessisti għandhom ikunu miġġielda b'mod attiv fl-iskola.

- **Tibdil tal-kindergartens** f'postijiet ta' tagħlim u skambju kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri tagħhom, fejn workshops u konsultazzjoni individwali jiġu offruti bħala appoġġ għall-ġenituri fir-rwol edukattiv tagħhom.

- Jinġab aktar **staff bi kwalifiċi pedagoċi għoljin fil-kindergartens**.

- **Jinfetaħ spazju fil-kindergarten u fl-iskola għall-attivitajiet aktar imnebbħa minn**

**individwi u bbażati fuq proġetti** li jwasslu biex "it-tagħlim bl-esperjenza" jsir possibbli.

- **Edukazzjoni bbażata fuq appoġġ individwali** biex it-tfal u l-istudenti jingħataw biżżejjed għajnuna u orjentament fil-proċess tat-tagħlim. Dan jeħtieġ klassijiet iżgħar u numru akbar ta' għalliema fl-iskejjel.

- **Il-ħolqien ta' materjali skolastiċi li jwessgħu l-perspettiva nazzjonali** dwar l-istorja u l-kultura f'waħda Ewropea u globali.

- **Parteċipazzjoni demokratika tat-tfal u l-istudenti** fid-deċiżjonijiet dwar l-użu tar-riżorsi tal-iskola/università u l-prijoritajiet u l-kurrikula tagħhom.

- **Allowance għall-edukazzjoni** miftuħa għal kull student u marbuta ma' parteċipazzjoni attiva fil-kurrikulum sabiex kull żagħżugħ/a jista' jsegwi studji universitarji indipendentement mill-ambjent soċjali tiegħu/tagħha;

- **Espansjoni tal-programmi ta' skambji għall-istudenti tal-UE għal kulħadd** : waħda mill-istejjer ta' suċċess tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni kienet id-diversi programmi ta' skambji ta' studenti (Erasmus, Comenius,…). Il-Ħodor jappoġġjaw l-espansjoni tagħhom u l-introduzzjoni ta' programmi bejn fruntiera u oħra biex jitkattar l-iskambju transnazzjonali. L-għan tagħna huwa li kull student Ewropew għandu jkollu mill-inqas opportunità waħda matul il-kurrikulu (sekondarju jew ta' edukazzjoni ogħla) tiegħu/tagħha għall-parteċipazzjoni f'wieħed minn dawn il-programmi. Barra minn hekk, nitolbu li jkun hemm appoġġ finanzjarju simili għall-programmi dwar taħriġ u edukazjoni matul il-ħajja professjonali (pereżempju Leonardo da Vinci …) speċjalment għal setturi nieqsa mis-snajja. Għandha tingħata l-possibilità liċ-ċittadini kollha Ewropej biex jgħixu, jistudjaw u jaħdmu barra minn pajjiżhom indipendetement mill-ambjent akkademiku jew ekonomiku tagħhom.

- **Inkoraġġiment għall-edukazzjoni sostenibbli orjentati lejn l-iżvilupp** : Hekk kif l-Ewropa għandha l-opportunità li tkun fuq quddiem nett biex l-iżvilupp sostenibbli jsir realtà, il-Ħodor iridu programmi li jinkoraġġixxu l-istudenti biex jagħżlu kurrikula, fid-dixxiplini tekniċi u umani, li jappoġġjaw dan il-għan. Fl-istess ħin, l-iżvilupp sostenibbli għandu jkun integrat fil-kurrikula bħala dimensjoni interdixxiplinarja.

- **It-tagħlim tul il-ħajja** huwa dritt bażiku, li minnu l-individwi kollha, indipendentement mill-età jew pożizzjoni soċjali, jibbenbefikaw flimkien mas-soċjetà kollha kemm hi. Il-gvernijiet għandhom jiżviluppaw faċilitajiet li jintlaħqu aktar faċilment, b'enfasi speċjalment fuq dawk li m'għandhomx aċċess għalihom. Ara wkoll taħt 'xogħol tajjeb.

- **Li l-gvernijiet jibqgħu totalment responsabbli għall-iffinanzjar tas-sistemi edukattivi**, inkluża l-edukazzjoni ogħla. Aħna nopponu kompletament l-

interpretazzjoni tar-regoli interni ta' kompetizzjoni tal-UE li tgħid li ffinanzjar bħal dan huwa diskriminatorju kontra fornituri privati. Bl-istess mod, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kwalità tas-sistemi edukattivi għandha tibqa' b'mod sod taqa' taħt il-kompetenza tal-gvernijiet, kuntrarju ta' aġenziji privati ta' valutazzjoni u akkreditazzjoni.

## Soċjetà inklussiva għall-anzjani ...

Huwa titjib storiku li, grazzi għat-tkattir tal-ġid u aspettattiva itwal tal-ħajja, bosta nies fil-pajjiżi Ewropej jista' jkollhom il-possibiltà li jgħixu tajjeb wara l-ħajja tagħhom ta' xogħol. Anki meta ffaċċjati bit-tibdil demografiku fil-pajjiżi Ewropej, il-Ħodor Ewropej iridu jassiguraw u jiżviluppaw possibilitajiet ugwali għal kulħadd biex jgħixu terz'età diċenti. Nemmnu li l-anzjani kollha għandhom dritt għall-opportunitajiet ugwali biex jagħżlu u joħolqu l-ħajja tagħhom u jagħmlu dan b'mod tajjeb u fit-tul kemm huwa possibbli. Din hija parti mill-viżjoni tagħna ta' soċjetà b'opportunitajiet indaqs għall-iżvilupp u t-twettiq ta' kulħadd. Id-dritt biex wieħed ikollu r-riedni f'idejh u joħloq il-ħajja tiegħu huwa stess, u jipparteċipa attivament fis-soċjetà għandhom japplikaw għal kulħadd indipendentement mill-età.

Hija r-responsabiltà tas-soċjetà politika – fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew – li dan kollu jkun assigurat. Fil-pajjiżi kollha Ewropej l-opportunitajiet tal-anzjani huma 'l bogħod milli jkunu indaqs; huwa d-dover politiku komuni tagħna li niffurmaw ambjent li jġib 'il quddiem il-kontinwità, it-twettiq tagħna nfusna u l-użu tal-kapaċitajiet tagħna, billi jiġu mħarsa l-identitajiet tal-anzjani.

Fi ħdan is-soċjetajiet tagħna, ħafna anzjani qed jitħallew mingħajr appoġġ adegwat minħabba l-kulturi jinbidlu fil-familji u fil-ħajja tax-xogħol, sistemi ta' kura soċjali mhux adegwati u l-gvernijiet li jkomplu jrażżnu n-nefqa pubblika. F'ħafna każijiet, hija l-qawwa tax-xiri li tiddetermina min ser ikollu l-aħjar possibiltajiet biex jgħix il-ħajja li jrid. Minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura pubblika ta' kwalità, l-anzjani u l-familji tagħhom qed jitħallew waħedhom biex jiffaċċjaw dawn is-sitwazzjonijiet. Flimkien ma' inugwaljanza tiżdied fil-pensjonijiet dan qed iwassal biex jiżviluppaw tipi ġodda ta' inugwaljanza soċjali fl-opportunitajiet ta' ħajja fost l-anzjani fil-pajjiżi Ewropej.

***Għalhekk aħna l-Ħodor nipproponu :***

- **Miżuri preventivi :** Il-Ħodor Ewropej jagħmlu enfasi fuq miżuri preventivi matul il-ħajja tax-xogħol, fuq ambjent san ta' ħajja u stil ta' ħajja li jippermetti ħajja twila bi ftit li xejn mard[1]. Aħna nagħtu prijorità għolja lill-miżuri preventivi li jkollhom effett

[1] Ara l-kapitoli dwar il-kura tas-saħħa, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ... għall-eżempji

benefiku fuq gruppi soċjali bl-inqas possibiltajiet ta' ħajja.

- **L-għajnuna prattika, ir-rijabilitazzjoni u l-kura b'mod ugwali u liberu.** Is-soċjetà għandha toffri l-għajnuna prattika, ir-rijabilitazzjoni u l-kura individwali b'mod li ssaħħaħ l-opportunità għall-anzjani biex jagħżlu l-ħajja tagħhom, inkluż l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' netwerks soċjali li jinvolvu anzjani u oħrajn.

- **Faċilitajiet flessibbli ta' akkomodazzjoni :** Il-Ħodor iridu li l-anzjani kollha jkollhom il-possibilità li jgħixu f'darhom u b'mod indipendenti sakemm u kif iridu. Il-gvernijiet għandhom jippromwovu tipi ġodda ta' akkomodazzjoni sabiex ikun hemm kura komunitarja, bħal akkomodazzjoni interġenerazzjonali, akkomodazzjoni fil-komunità… Għandhom jinkoraġġixxu livelli ta' bini ta' djar li jwasslu biex wieħed jgħix fihom għal żmien itwal.

- **Diversità ikbar fis-sistemi tagħna ta' kura** : Hekk kif qed tirtira l-ewwel ġenerazzjoni ta' immigranti, il-kura għall-anzjani trid taddatta għal livell ikbar ta' diversità etnika fid-dispożizzjoijiet tagħha kollha. Il-kura individwali għandha tinkludi li jkunu ittrattati ħtiġijiet u talbiet ġodda pereżempju dispożizzjonjijiet speċifiċi ta' ikel, faċilitajiet reliġjużi,…

## … u għat-tfal

Il-Ħodor Ewropej jemmnu li l-iżvilupp u l-immassimizzar tal-possibiltajiet ta' ħajja tat-tfal kollha għandu jkun wieħed mill-aktar għanijiet importanti għas-soċjetajiet kollha Ewropej. It-tfal għandu jinghataw attenzjoni ċentrali fis-soċjetajiet tal-ġid Ewropew tas-seklu 21 għal mill-inqas żewġ raġunijiet. L-ewwelnett, il-Ħodor Ewropej jemmnu li l-iżvilupp tat-tfal tagħna huwa għan ewlieni fih innifsu, li jippermettu lil kulħadd fil-ġenerazzjonijiet li telgħin biex jipparteċipa fis-soċjetà u fil-ħajja tax-xogħol. It-tieninett, l-appoġġ tal-familji fid-diversitajiet kollha tagħhom, u l-iżvilupp tat-tfal huma benefiċċji soċjali importanti. Huma jgħinu biex tinkiseb varjetà ta' ġenerazzjonijiet fi ħdan is-soċjetajiet tagħna; huma mod kif tissaħħaħ is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet; jagħtu lill-ġenituri possibilità ġusta u affordabbli biex jgħaqqdu flimkien ix-xogħol, il-karriera u ħajja fil-familja, biex b'hekk tkun ittrattata waħda mill-għeruq tad-diskriminazzjoni bejn is-sessi. Fl-aħħarnett, l-investiment fi żvilupp personali u l-livell dejjem jogħla ta' edukazzjoni lit-tfal kollha hija essenzjali jekk irridu li s-soċjetajiet Ewropej jikkontribwixxu biex jiġu ffaċċjati l-isfidi li għandha l-pjaneta tagħna.

It-tradizzjonalist jidhirlu li l-kura u l-iżvilupp tat-tfal tagħna kienet ir-responsabiltà ewlenija tal-familja, u li familja magħmula minn raġel li jaqla' l-għixien u martu huma fil-qalba tal-politiki soċjali madwar l-Ewropa. Dan huwa kontroproduċenti hekk kif il-familji jsiru inqas stabbli, in-nisa jridu jaħdmu u jsegwu karriera, aktar irġiel iridu jkunu involuti

fil-ħajja familjari u familja bi dħul wieħed m'għadhomx ilaħħqu malivell raġonevoli ta' għixien. Iż-żamma ta' ideat u politiki familjari timpedixxi x-xewqa taċ-ċittadini biex jieħdu ħsieb it-tfal u tnaqqas il-possibiltajiet ta' ħajja għal ħafna tfal, li t-tnejn huma materji ta' importanza dejjem akbar għas-soċjetajiet moderni Ewropej.

Il-Ħodor Ewropej jemmnu li s-soċjetà politika – fuq livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew – għandha r-responsabiltà li telimina d-diffikultajiet soċjali biex wieħed ikollu t-tfal u tassigura opportunitajiet ottimali għall-iżvilupp tat-tfal.

***Għalhekk aħna, il-Ħodor, nipproponu :***

- **L-eliminazzjoni tal-faqar fost it-tfal.** It-tfal li jgħixu fil-familji li jbatu minn faqar ekonomiku u nuqqas ta' sigurtà fid-dħul finanzjarju mhux biss għandhom inqas ħwejjeġ, ikel bnin, akkomodazzjoni u attivitajiet soċjali. Għandhom ukoll inqas aċċess għall-edukazzjoni u inqas possibiltajiet ta' żvilupp personali. Il-Ħodor Ewropej jipproponu mira li torbot biex ikun eliminat il-faqar fost it-tfal fil-5 snin li ġejjin.

- **Politiki li jiffaċilitaw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja** Il-Ħodor Ewropej jipproponu politiki li jiffaċilitaw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u drittijiet garantiti għall-ħaddiema (pereżempju inqas ħinijet tax-xogħol, xogħol mid-dar, flessibiltà fix-xogħol orjentat lejn l-impjegat…) biex jgħinu jgħaqqdu x-xogħol b'responsabiltà u l-għażliet barra l-post tax-xogħol bħal m'huma t-trobbija tat-tfal.

- **Kura universali u affordabbli tat-tfal għal kulħadd.** Kura universali tat-tfal għal kulħadd hija importanti ħafna biex jintlaħqu x-xewqat taċ-ċittadini biex ikollhom it-tfal. Fl-istess ħin qed timpedixxi effettivament tnaqqis fid-dħul matul il-ħajja u tassigura possibiltajiet ugwali fil-ħajja tax-xogħol, speċjalment għan-nisa. Għalhekk kura universali u affordabbli tat-tfal tikkontribwixxu fit-tkabbir tal-għadd ta' nies li jaħdmu. Il-gvernijiet tal-UE għandhom għalhekk iżommu l-għanijiet li qablu fuqhom bħala parti mill-istrateġija ta' Liżbona biex il-kura tat-tfal tkun universali u affordabbli. Aħna l-Ħodor nemmnu li għandha tkun disponibbli għat-tfal kollha taħt it-3 snin u b'xejn għall-familji bi dħul baxx. B'investiment fl-isfrastruttura u l-kwalità tal-kura tat-tfal, nikkontribwixxu b'mod effiċjenti għall-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u ta' għarfien u l-personalità tat-tfal billi tinħoloq possibiltà ugwali ta' ħajja lill-ġenerazzjonijiet li telgħin, inklużi tfal li l-aktar jistgħu ikunu esklużi.

- **Leave itwal tal-maternità u minimu ta' 12-il xahar leave parentali mħallas : Nappoġġjaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdied skond ir-rakkomandazzjoni tal-ILO il-perjodu minimu ta' leave tal-maternità minn 14 għal 18-il ġimgħa u li n-nisa jitħallsu 100% tas-salarju tagħhom lil hinn mid-dħul minimu attwali ekwivalenti għal mill-inqas id-dħul għall-mard.** Biex il-ġenituri jingħataw possibiltà ġusta biex irabbu t-tfal mingħajr ma jirriżenjaw mis-suq tax-xogħol il-Ħodor Ewropej jipproponu li mmorru lil hinn mid-direttiva attwali tal-UE u jingħata d-dritt ta' mill-inqas 12-il xahar ta' leave parentali mħallas. **Għandna bżonn** inċentivi li jinkoraġġixxu liż-żewġ ġenituri biex jieħdu vantaġġ mil-leave. Il-leave parentali għandu għalhekk jinqasam bejn iż-żewġ ġenituri. Id-dritt għall-leave parentali għandu jingħata flimmien

mad-dritt tas-sigurtà tal-imjpjieg, ma' miżuri li jiffaċilitaw mill-ġdid fix-xogħol, u t-tneħħija tad-diskriminazzjoni kontra nisa tqal.

**....u għall-persuni b'diżabilità**

Persuni b'diżabilità ma jistgħux jgħixu ħajja indipendenti mingħajr aċċessibilità fil-livelli kollha (speċjalment infrastruttura bħal skejjel, trasport pubbliku eċċ.). L-aċċessibilà għal persuni b'diżabilità huwa dritt fundamentali pożittiv, u mhux kwistjoni ta' ħniena. Drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità jeħtieġ li jkunu inklużi fil-kooperazzjoni ta' żvilupp.

Persuni b'diżabilità jirrappreżentaw 10 fil-mija tal-popolazzjoni tad-dinja, 80% minnhom jgħixu f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Il-Konvenzjoni ġdida tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008 bħala l-ewwel dokument li jorbot legalment dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. Il-Konvenzjoni tan-NU tassigura drittijiet ugwali lill-persuni b'diżabilità fl-oqsma tal-ħajja u tal-politika, inkluż il-kooperazzjoni fl-żvilupp.

***Għalhekk, aħna, l-Ħodor nipproponu :***

- L-UE għandha tadotta proposta tal-Kummissjoni għall-ħames direttiva kontra d-diskriminazzjoni biex tikkumbatti d-diskriminazzjoni barra l-impjieg minħabba diżabilità, età, reliġjon jew twemmin u orjentazzjoni sesswali.

- Opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilità għandhom ikunu inklużi fil-politiki kollha tal-UE
- ratifika rapida u l-implimentazzjoni ta' Konvenzjoni ġdida tal-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, għalhekk:

- Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-Ewropa għandha tappoġġja pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità skond l-Art. 32 tal-Konvenzjoni tan-NU; id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għalhekk għandhom ikunu inklużi fil-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.

## Xogħol xieraq – wegħda li għandha titwettaq illum

Il-Ħodor jippromwovu l-kunċett ta' "ħidma tajba", li tgħaqqad standards avvanzati ta' xogħol mal-possibiltà li kulħadd iwettaq l-aspirazzjonijiet tiegħu u jikkontribwixxi lejn soċjetà sostenibbli.

Għall-Ħodor kundizzjonijiet ġusti ta' xogħol ifissru ħafna aktar minn sempliċi standards ewlenin tax-xogħol tal-ILO, li jinkludu d-dritt tal-ħaddiem għall-informazzjoni u konsultazzjoni, id-dritt ta' negozjar kollettiv u azzjoni, il-protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta, kundizzjonijiet tajbin u ġusti tax-xogħol. Jinkludu wkoll : is-sigurtà tal-impjieg, ambjent ta' xogħol san u sikur, salarju suffiċjenti u ugwali, protezzjoni qawwija fl-impjieg, ħinijiet tax-xogħol raġonevoli, tagħlim tul il-ħajja, opportunitajiet indaqs, miżuri kontra d-diskiriminazzjoni, id-drittijiet tal-ħaddiema biex jasserixxu l-interessi taqgħhom u jipparteċipaw, arranġamenti ta' xogħol li jaġevolaw il-familja, arranġamenti biex il-ħajja tax-xogħol tkun adattata għall-ħtiġijiet ta' ħajja barra l-post tax-xogħol, integrazzjoni ta' ħaddiema immigranti, sigurtà u benefiċċji soċjali.

Il-Ħodor qed jopponu bil-qawwa x-xejriet attwali li jitnaqqsu d-drittijiet tal-ħaddiema f'isem il-flessibiltà u l-kompetittività. Nemmnu bil-qawwa li l-livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiem u l-istandards ta' xogħol jiffurmaw il-bażi tas-soċjetajiet tagħna u huma kompatibbli bis-sħiħ ma' impjieg għoli.

***Biex ikunu assigurati kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol u biex "xogħol xieraq" isir realtà, il-Ħodor jipproponu :***

- **Flessibilità ma' sigurtà sħiħa:** Il-kunċett li jżewweġ il-flessibilità mas-sigurtà huwa tassew ekoloġiku. Dan il-kunċett jeħtieġ livell biżżejjed ta' ħarsien soċjali, sigurtà soċjali u benefiċċji tal-impjieg, politika attiva tas-suq tax-xogħol u opportunitajiet ta' taħriġ/tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll dispożizzjonijiet wiesgħa ta' sigurtà li jinkludu aċċess universali għas-servizzi ta' interess ġenerali. Madankollu, it-terminoloġija "flessigurtà" ta' spiss tintuża ħażin bħala maskla għall-flessibilità illimitata u d-deregulazzjoni. Filwaqt li l-flessibilità hija importanti biex tippermetti lis-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna biex jirrispondu għall-isfidi ta' dinja li qegħda tinbidel, is-sigurtà hija daqstant importanti. Għall-Ħodor, strument ewlieni biex jiggarantixxu l-bilanċ tajjeb bejn dawn l-għanijiet huwa djalogu istituzzjonalizzat qawwi bejn is-sħab soċjali, li jirrappreżenta liċ-ċittadini fix-xogħol u lil min iħaddem. Dan għandu rwol ewlieni fit-tfassil tar-regoli u l-istrumenti (kundizzjonijiet ta' kuntratti, salarji, benefiċċji…) tas-suq tax-xogħol. Dan jeħtieġ trejdunjins qawwija u rappreżentattivi. **Aħna l-Ħodor naħdmu fi ħdan il-moviment trejdunjonistiku biex ikun hemm politika ibbażata aktar fuq is-solidarjetà lejn in-nisa u l-immigranzi u strateġija politika aktar inklussiva dwar impjiegi mhux standard u irregolari**.

- **Adattament tal-ħinijiet tax-xogħol:** Ħinijiet regolari ta' xogħol huma importanti għall-kwalità tal-ħajja u biex ikun hemm bilanċ bejn il-professjoni u l-familja u responsabiltajiet oħra. Dan jinkludi ħinijiet raġonevoli ta' xogħol fil-ġimgħa kif ukoll possibiltajiet biex jitnaqqas il-ħin individwali tax-xogħol għal ċerti perjodi, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. F'dik il-perspettiva, fl-aħħar reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Hin tax-Xogħol, il-Kunsill tal-UE saħaq biex tiżdied il-**medja** massima tal-ħin tadx-xogħol minn 48 għal 60, 65 jew anki aktar ħinijiet fil-ġimgħa; dan sab l-oppożizzjoni qawwija tal-Ħodor. Id-dispożizzjonijiet

dwar il-ħin tax-xogħol għandhom jaraw li jkun hemm biżżejjed ħin għaċ-ċittadini biex jiżviluppaw attivitajiet barra l-post tax-xogħol tagħhom u jkunu organizzati sabiex ikun massimiżżat l-impatt tagħhom fir-rigward tal-ħolqien tax-xogħol. Ix-xogħol part-time huwa fattur predominanti tal-impjiegi tan-nisa, minħabba li ta' spiss huwa strateġija ta' kompromess għan-nisa minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet aċċessibbli u affordabbli ta' kura tat-tfal u persuni dipendenti.

- **Pagi minimi diċenti :** Sabiex jitħarsu l-ħaddiema, speċjalment dawk bl-aktar ħiliet bażiċi, mill-isfruttament minn min iħaddimhom u biex ikun kumbattut il-faqar, il-Ħodor jipproponu li jiġu implimentati pagi minimi f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Il-mod kif jiġu ffissati l-pagi minimi – ftehimiet legali u kollettivi f'diversi livelli – għandhom jitħallew għad-diskrezzjon ta' kull pajjiż. Għandhom iħallu spazju għad-differenzi, pereżempju fuq bażi ġeografika jew ta' settur. Jekk dan għandu jikkontribwixxi għal-livell ogħla ta' ugwaljanza fi ħdan u bejn il-pajjiżi Ewropej, il-livell ta' dik il-paga minima għandu jkun relatat mal-pagi f'kull pajjiż. Sabiex ikunu aktar affettivi huwa importanti li jkopru wkoll l-impjieg mhux standard bid-dispożizzjonijiet tal-paga minima.

- **Il-ġlieda kontra d-diskrepanza fil-pagi għas-sessi**: Għalkemm il-qafas legali tal-UE dwar paga indaqs huwa pjuttost estensiv, għad hemm persistenza tad-diskrepanza fil-pagi għas-sessi fil-pajjiżi Ewropej. Ikun essenzjali li jiġu formulati għanijiet konkreti (ara t-taqsima dwar "Aċċess għal xogħol tajjeb") u skedi dwar it-tnaqqis tad-diskrepanza fil-pagi għas-sessi fil-livell Ewropew. Nisħqu li jkun hemm politika ta' paga ugwali sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni diretta jew indiretta fil-pagi għas-sessi; politika ta' opportunitajiet indaqs biex jiġu mħajra nisa biex ikollhom livelli kontinwi ta' impjieg, u tispiċċa s-segregazzjoni ta' impjieg skont is-sess; u politika dwar il-pagi immirata li tnaqqas l-inugwaljanza fil-pagi u ttejjeb il-ħlas ta' impjiegi b'pagi baxxi u/jew impjiegi dominati min-nisa f'diversi setturi.

- **Trattament u paga ugwali għal ħaddiema trasferiti:** Kulħadd għandu jkollu d-dritt li jaħdem kullimkien fl-UE u hija ħasra akbar li dan id-dritt fundamentali mhuwiex applikat b'mod uniformi fl-istati membri kollha tal-UE. Madankollu, il-moviment liberu ta' ħaddiema u servizzi għandu jkun bilanċjat mad-drittijiet fundamentali u l-possibilità għal gvernijiet u trejdunjins li jassiguraw li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni u li jingħata trattament indaqs. Ma nistgħux ninjoraw il-fatt meta ħaddiema immgranti trasferiti jitħallsu inqas mill-ħaddiema nazzjonali għaliex huma kkunsidrati bħala "servizzi". Barra minn hekk, sitwazzjonijiet fejn ħaddiema f'pajjiżi ospitanti jiffaċċjaw pressjoni minħabba kompetizzjoni tal-pagi baxxi imħallsin lill-ħaddiema trasferiti jistgħu jwasslu għal ksenofobija u rabja kontro-produċenti kontra l-UE. Huwa għalhekk fl-interess ta' kulħadd li l-ħaddiema jgawdu minn kundizzjonijiet ugwali, kemm jekk huma ċittadini tal-post jew immigranti. Il-Ħodor qegħdin isejhu lill-istati membri biex il-prinċipju ta' trattament ugwali jkun applikat mill-ewwel ġurnata ta' xogħol. Nemmnu li għandna nassiguraw permezz ta' tibdiliet fil-leġiżlazzjoni

tal-UE li l-prinċipju ta' paga indaqs għal xogħol ugwali, id-drittijiet tal-ħaddiema fosthom id-dritt tal-istrajk kif ukoll ftehimiet kollettivi miftehma fil-livelli nazzjonali u reġjonali ma jkunux eliminati minn regoli tas-suq intern.

- **Il-glieda kontra l-impjieg irregolari :** Filwaqt li impjiegi ikkunsidrati mhux standard jistgħu jkunu ta' benbefiċċju jekk jaqblu maċ-ċirkostanzi tal-ħaddiema u huma volontarji, il-Ħodor iħarsu b'mod kritiku lejn l-għadd dejjem jiżdied ta' impjiegi temporanji, kundizzjonijiet irregolari ta' xogħol u kuntratti mhux standard. F'ħafna każi, l-impjieg mhux standard ma jintgħażilx u ħafna ħaddiema – speċjalment żgħażagħ, immigranti u nisa – qegħdin jaqgħu barra l-ambitu tax-xogħol fundamentali u d-drittijiet soċjali, u b'hekk jimminaw il-prinċipji tat-trattament ugwali. Aħna għalhekk nikkundannaw kwalunkwe tibdil abbużiv ta' impjiegi regolari ma' impjiegi irregolari mingħajr xi neċessità ekonomika imperattiva, għas-spejjeż tal-impjegati u tal-pubbliku ġenerali. Il-Ħodor jipproponu li jkunu assigurati d-drittijiet bażiċi kollha tal-ħaddiema bħala sigurtà u protezzjoni adegwati, indipendentement mill-ftehim kuntrattwali tagħhom. Hemm bżonn leġiżlazzjoni biex tassigura li l-istess regoli bażiċi u s-salarji japplikaw immedjatament għall-ħaddiema temporanji daqs li kieku kienu impjegati direttament mill-intrapriżi;

- **Il-glieda kontra xogħol mhux dikjarat** : Ix-xejriet jiżdiedu f'diversi pajjiżi tal-UE ta' xogħol mhux dikjarat u ekonomija moħbija jagħmlu ħsara lill-ekonomija, li jħallu l-ħaddiema mingħajr protezzjoni, huma detrimentali għall-konsumaturi, inaqqsu d-dħul mit-taxxi u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta bejn l-impriżi. Aħna għalhekk għandna bżonn ta' koordinament ċar u qawwi bejn l-aġenziji ta' infurzar tal-UE, spezzjonijiet fuq ix-xogħol u trejdunjins, amministrazzjoni tas-sigurtà soċjali u l-awtoritajiet tat-taxxi. Ir-restrizzjoni fuq il-permessi tax-xogħol minn pajjiżi terzi twassal għal aktar ekonomija informali u l-esplojtazzjoni tal-ħaddiema mingħajr dokumenti. Hemm bżonn niffukaw fuq strumenti u mekkaniżmi ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema biex ikun miġġieled l-isfrtuttament, biex tkun regolata r-responsabiltà fis-sottokuntrattar u l-għoti ta' xogħol lill-ħaddiema minn barra u biex l-impjieg legali jkun aktar faċilitat. Nagħmlu sejħa biex ikun hemm leġiżlazzjoni tal-UE biex tiddefinixxi l-impjieg ta' min jaħdem għal rasu u l-impjegati b'relazzjoni ta' impjiegi dipendenti biex tikkumbatti "it-taparsi impjieg ta' min jaħdem għal rasu" kif ukoll leġiżlazzjoni biex tikkumbatti l-kumpaniji hekk imsejħa postali li jinħolqu sempliċement bil-għan li joffru "servizzi" lill-pajjiżi ospitanti, biex tkun evitata l-applikazzjoni sħiħa ta' dawk ir-regoli u r-regolamenti tal-pajjiż speċjalment rigward is-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

- **Tmexxija li tippromwovi d-diversità u t-tneħħija tad-diskriminazzjoni:** Post tax-xogħol li joffri opportunitajiet ugwali u mingħajr diskriminazzjoni huwa l-bażi ta' ambjent sostenibbli ta' xogħol. Il-Ħodor jaghmlu sejħa biex ikunu implimentati kif suppost id-direttivi tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni ta' tmexxija li tippromwovi d-diversità fuq il-post tax-xogħol u ssir

proposta biex ikun hemm lista sewda Ewropea ta' kumpaniji li jiksru d-drittijiet bażiċi soċjali u tax-xogħol fosthom il-liġi kontra d-diskriminazzjoni.

- **Tagħlim tul il-ħajja :** L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' dak li jkun matul ħajtu huwa l-aħjar mod biex kulħadd ikollu l-aħjar impjieg. F'ekonomija ibbażata dejjem aktar fuq l-għarfien, huwa essenzjali li l-intrapriżi tagħna jkollhom suċċess u hija kisba essenzjali għas-soċjetajiet tagħna biex jilqgħu l-isfidi li jiffaċċjaw speċjalment it-tibdiliet kbar li ser ikollna nadottaw sabiex nikkumbattu b'suċċess it-tibdil fil-klima. Dan jgħodd għal kull persuna, f'kull settur, fosthom is-servizzi personali fejn mill-ewwel daqqa t'għajn, uħud jistgħu jemmnu li ebda ħiliet partikolari mhuma meħtieġa. It-tagħlim tul il-ħajja huwa mod essenzjali biex wieħed jiġġieled is-salarji baxxi u biex tiżdied il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi. Il-Ħodor jipproponu t-twaqqif ta' dritt ġdid ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, flimkien ma' żieda fil-fondi mill-UE f'dan il-qasam u programmi speċjali ta' taħriġ iżda anki leġiżlazzjoni adegwata li permezz tagħha l-individwi jkunu jistgħu jkomplu jistudjaw matul ħajjithom (pereżempju bi skemi ta' edukazzjoni tul il-ħajja, flessibilità biex jittieħdu perjodi ta' waqfien mix-xogħol matul il-karriera, l-obbligu għal min iħaddem biex jipprovdi jew jippermetti edukazzjoni imħallsa, ...)

## L-istimolu biex kulħadd ikollu aċċess għal impjieg tajjeb

Aħna l-Ħodor naqblu mal-għan li l-individwi kollha jingħataw is-setgħa u jkunu mħeġġa biex jinvolvu ruħhom b'mod aktar attiv fix-xogħol u fl-attivitajiet għal min jaħdem għal rasu permezz tal-iżvilupp tal-awtonomija tagħhom u tal-kapaċitajiet innovattivi tagħhom. Min-naħa l-oħra, nenfasizzaw li r-responsabiltà tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol m'għandhiex taqa' biss fuq l-individwi, speċjalment meta jagħmlu parti minn kategoriji vulnerabbli tas-soċjetà. Fi "stat soċjali tassew attiv", hija r-responsabiltà tal-awtoritajiet pubbliċi li jwaqqfu qafas li fih l-indivdwi jkollhom stimolu biex isibu x-xogħol filwaqt li jħarsu l-kwalità tal-ħajja tagħhom u l-livell tal-għixien anki f'każ li ma jisibux xogħol. Min iħaddem għandu wkoll ikun "attivat" fis-sens li huma wkoll iġorru r-responsabiltà li ma jitħallewx barra l-aktar kategoriji vulnerabbli. Għandhom għalhekk ikunu infurzati r-responsabiltajiet tal-gvernijiet, l-impriżi u l-individwi.

Bosta Stati Membri kellhom suċċess tajjeb fil-ġlieda kontra l-qgħad tal-massa; huma dawk li l-gvernijiet tagħhom kienu kapaċi joħolqu qafas protettiv u li jagħti setgħa lill-individwi. Sfortunatament, l-hekk imsejħa politiki attivi ikkonsistew, f'ħafna Stati Membri, fit-tfittxija għax-xogħol meta dan ma jinstabx. Filwaqt li aħna l-Ħodor naqblu li l-abbużi għandhom ikunu miġġielda, inqisu wkoll li l-esklużjoni totali ta' individwi mill-benefiċċji soċjali kollha huwa sinjal li s-soċjetà baqgħet lura u hija wkoll fl-aħħar mill-aħħar kontro-produċenti.

Barra minn hekk, kif imfisser fil-kapitolu ta' qabel, aħna l-Ħodor ma naqblux mal-viżjoni li l-attivitajiet ekonomiċi kollha għandhom l-istess valur u għalhekk li "xogħol huwa xogħol" u għandu jiġi aċċettat mill-ħaddiema qegħda jkunu liema jkunu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-settur tal-attività u d-distanza ġeografika bejn id-dar u l-post tax-xogħol. Dawn il-fatturi għandhom jiġu kollha kkunsidrati meta ssir evalwazzjoni tas-sitwazzjonijiet individwali ta' min qiegħed ifittiex ix-xogħol.

Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jibqgħu lura minn tnaqqis mhux kundizzjonat fit-taxxi u fl-ispejjeż soċjali, li jwasslu biss għal tnaqqis kbir fiskali u soċjali. Politika ta' modulazzjoni ta' dawk l-ispejjeż fid-dawl tal-ħolqien tax-xogħol u tal-kompożizzjoni soċjali tal-imjegati tal-kumpaniji tkun ħafna aktar effiċjenti.

***B'mod konkret, aħna l-Ħodor inressqu proposti f'4 aspetti komplimentari.***

- **Stimolu fil-ħolqien tal-attivitajiet :**

  - l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jinvestu bi prijorità f'ekonomija ekoloġiku u f'setturi li jimpjegaw ħafna ħaddiema u joffru valur soċjali addizzjonali (servizzi personali, saħħa, edukazzjoni,...) ;

  - l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iħaddmu diskriminazzjoni pożittiva favur ekonomija soċjali (tnaqqis ta' spejjeż soċjali għal persuni li jaħdmu f'setturi li ma jagħmilx profitti u għall-attivitajiet ekonomiċi li jilħqu l-kriterji ta' ekonomija soċjali) ;

  - l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iwaqqfu strateġiji koerenti ta' żvilupp lokali ibbażati fuq sħubija bejn l-atturi lokali, ekonomiċi, soċjali u kulturali kollha sabiex jikkooperaw biex ikunu żviluppati attivitajiet marbuta mal-ħtiġijiet, ir-riżorsi u l-ispeċifikazzjonijiet lokali.

- **Stimolu biex wieħed ikun jista' jaħdem:**

  - l-awtoritajiet pubbliċi flimkien mal-imsieħba soċjali u l-aġenziji ta' impjieg pubbliku għandhom jiddefinixxu impjiegi koerenti u strutturati u modi ta' integrazzjoni, speċjalment għall-kategoriji vulnerabbli tal-popolazzjoni ;

  - modi strutturati m'għandhomx jiffukaw biss fuq it-tisħiħ ta' ħiliet tekniċi iżda għandhom iqisu wkoll id-diversi dimensjonijiet ta' esklużjoni: l-akkomodazzjoni, is-saħħa, il-kultura, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, it-trasport,... ;

  - il-kontenut tat-taħriġ għandu jiffoka fuq il-kisba ta' ħiliet bażiċi (litteriżmu,...) u fuq setgħat personali (fiduċja fik innifsek) ; dawn il-modi għandhom jinkludu l-istadji kollha mit-taħriġ sax-xogħol ;

- l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iwaqqfu qafas protettiv li jiggarantixxi li l-individwi jżommu l-benefiċċji tal-qgħad sakemm jipparteċipaw fi skema strutturata li żżomm id-dritt mingħajr kundizzjoni ta' dħul minimu ; fil-kunċett ta' "flessigurtà", l-element ta' "sigurtà" għandu jiġi l-ewwel, u l-element ta' "flessibilità" jiġi t-tieni, sakemm teżisti sistema xierqa u minn qabel ta' protezzjoni effettiva ;

- in-natura mhux sostenibbli ta' impjieg (is-settur tal-attività, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, id-distanza mid-dar) għandha tkun rikonoxxuta bħala ġustifikazzjoni valida għal persuna qegħda biex tirrifjuta offerta ta' xogħol.

- **Stimolu biex ikun hemm tqassim tal-ħin tax-xogħol:**

  - fuq in-naħa kollettiva, l-awtoritajiet pubbliċi flimkien mal-imsieħba soċjali għandhom inaqqsu l-livelli massimi tal-ħin tax-xogħol jew fil-livell nazzjonali jew f'livell settorali ; meta jitqies il-kuntest politiku attwali, il-prijorità hija li jiġu rifjutati politiki li iżidu dawk il-livelli massimi tal-ħinijiet tax-xogħol (*"travailler plus pour gagner plus"* ) ;

  - Il-produttività tax-xogħol tiżdied bil-benesseri tal-impjegati. Min iħaddem, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll privat għandu jagħti s-setgħa lill-impjegati nfushom biex jiddefinixxu l-użu tal-ħin skond is-sitwazzjoni tal-ħajja tagħhom, pereżempju jekk iridux aktar ħin liberu minflok ma jaqilgħu aktar flus. Dan ikun importanti speċjalment għal ġenituri ta' tfal żgħar. Il-possibilità ta' leave għal raġunijiet ta' studju u leave biex jinstab impjieg ieħor iżidu wkoll kemm il-benesseri kif ukoll il-produttività.

  - l-awtoritajiet pubbliċi flimkien mal-imsieħba soċjali għandhom jiffavorixxu l-irtirar progressiv sabiex l-impjegati ta' età akbar jiġu mħajra jnaqqsu ftit ftit il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom mingħajr ma jmorru direttament minn impjeg full-time ghal irtirar full-time.

- **Stimolu għall-aċċess ugwali fl-impjieg:**

  - L-ispejjeż tal-ġenituri għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn dawk li jħaddmu l-ommijiet u l-missirijiet sabiex jassiguraw li pagamenti ta' sigurtà soċjali ma jiddiskriminawx bejn is-sessi.

  - l-hekk imsejħa intrapriżi soċjali li jimpjegaw pereżempju nies li ilhom żmien twil qegħda għandhom jiġu favoriti permezz ta' konċessjonijiet fit-taxxa eċċ.

- L-ugwaljanza għandha tkun promossa permezz ta' miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva. Is-settur pubbliku għandu jagħtu l-eżempju billi jimpjega minn fost l-applikanti kwalifikati u kompetenti indaqs ir-raġel/mara li jirrappreżenta/tirrappreżenta s-sess li mhuwiex rappreżentat b'mod ġust.

- l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali għandhom jiġġieldu attivament il-forom kollha ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u jinkoraġġixxu d-diversità fuq il-post tax-xogħol fid-dimensjonijiet kollha tagħha : etniċi, ta' sess, diżabilità, reliġjon jew twemmin, età, orjentazzjoni sesswali. Għandhom jitqiesu bħala vantaġġ għall-ekonomija pjuttost milli piż.

## Pensjonijiet sostenibbli u universali

Bħala Ewropej Ħodor naħilfu li l-ġlieda kontra l-faqar fl-anzjanità u l-garanzija ta' ħajja diċenti lill-anzjani jsiru waħda mill-prijoritajiet soċjali tal-isforzi komuni tagħna.

Is-sigurtà soċjali għall-anzjani irrispettivament mill-klassi jew l-istat kienet mira politika ħafna qabel ma nħoloq l-istat modern ta' sigurtà soċjali. Il-faqar bħala kundizzjoni prevalentement diffuża għall-anzjani kienet waħda mill-mardiet soċjali kbar li l-istat ta' sigurtà soċjali kellu jittratta. Madankollu iktar minn seklu wara l-bidu tal-politika soċjali moderna, m'hemmx stat wieħed Ewropew li fih inqered il-faqar fost l-anzjani. Il-pajjiżi għamlu ħafna progress, u f'xi pajjiżi hemm inqas faqar fost il-ġenerazzjoni anzjani llum milli f'xi żmien ieħor fil-passat. Iżda nsibu wkoll tendenzi ġodda ta' faqar akbar jew indikazzjonijiet li l-faqar ċertament ser jiżdied fl-10-15-il sena li ġejjin fost l-anzjani, jekk ma jiġix ikkontrollat.

Is-sistemi tal-pensjoni tal-pajjiżi individwali tal-pajjiżi membri tal-UE huma ħafna, u l-iżvilupp tagħhom jaqa' taħt ir-responsabilità politika ta' dawn l-istati membri. Min-naħa l-oħra, naraw sfidi komuni rigward is-sistemi tal-pensjoni li s-soċjetajiet tagħna kollha jridu jindirizzaw.

Mhuwiex kompitu tal-EGP biex jiddefinixxi l-arkitettura tas-sistemi tal-pensjonijiet li għandhom għeruq fondi fit-tradizzjonijiet nazzjonali. Madankollu, hi x'inhi s-sistema u filwaqt li nopponu d-dogma orjentata mis-suq li s-sistemi tal-pensjonijiet għandhom jiġu privatizzati biex jibqgħu stabbli skond kundizzjonijiet demografiċi u kompetittivi, sabiex

***Biex il-pensjonijiet ikunu sostenibbli u tassew universali, aħna l-Hodor nipproponu :***

- **Li l-gvernijiet jassumu r-responsabiltà tagħhom** li jsaħħu l-iskemi pubbliċi tal-pensjoni u jsiru sostenibbli, minħabba li huma universali u bbażati fuq is-solidarjtà;

- **Li kwalunkwe sistema tal-pensjoni tassigura ġustizzja soċjali u inklussività**, biex jintegħlbu n-nuqqasijiet u d-difetti fundamentali li huma l-bażi tal-faqar fost l-anzjani. L-aktar talba bażika hija, li l-protezzjoni kontra l-faqar fl-*anzjanità* għandha tkun

universali, inklużi għan-nisa u l-irġiel, l-indiġeni u l-immigranti, nies minn diversi professjonijiet, nies li kellhom suċċess biex jassiguraw ix-xogħol u oħrajn li batew minn perjodi twal ta' qgħad jew *qatt ma għamlu xogħol bi ħlas.* Huwa kull stat membru li għandu jiddeċiedi jekk jilħaqx dan il-għan permezz tas-sistema tal-pensjoni jew is-sistema tal-benefiċċji soċjali.

- **M'għandux ikun hemm inċentivi inġusti ta' taxi għal skemi privati**·

- **Iż-żieda neċessarja tal-ispejjeż tal-pensjoni** hija waħda mir-raġunijiet għal riforma strutturali tal-finanzjament tas-sigurtà soċjali, li tiġi ttrattata fl-aħħar kapitolu ta' dan id-dokument.

- **Orjentazzjoni mill-ġdid tal-investiment tal-fondi tal-pensjoni** : Proporzjon kbir tal-fondi tal-pensjoni qed jintużaw attwalment għall-ispekulazzjoni u l-investiment fl-attivitajiet soċjalment irresponsabbli u mhux sostenibbli; il-Ħodor iridu miżuri mandatorji biex jorjentaw mill-ġdid l-investimenti tagħhom lejn żvilupp sostenibbli u attivitajiet soċjalment responsabbli.

- **Il-kisba ta' ġustizzja bejn is-sessi fis-sistemi tal-pensjoni** : F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasferiment tas-sistemi tal-pensjoni skond in-numru ta' snin fl-impjieg, in-nisa ta' spiss huma żvantaġġati. Barra minn hekk id-diskrepanza bejn is-salarji tas-sessi ta' spiss twassal għal pensjonijiet aktar baxxi għan-nisa. Irridu negħlbu dan kollu, għaliex nemmnu fil-ġustizzja bejn is-sessi. Hekk kif ir-relazzjonijiet prekarji tax-xogħol jespandu f'diversi swieq tax-xogħol, dawk li jaħdmu f'dawk il-kundizzjonijiet diffiċli ta' spiss qegħdin jersqu lejn il-faqar f'età anzjana. Irridu nibdlu dan, għaliex irridu niggarantixxu li kull individwu jkollu livell ta' għixien 'il fuq mil-linja tal-faqar.

- **Skemi pubbliċi tal-pensjoni li jsiru tassew universali** : Minħabba li għadd dejjem jiżdied ta' nies jaħdmu għal rashom u minħabba f'hekk ma jipparteċipawx f'sistemi tal-pensjoni legali jew imfassla mill-kumpaniji, iżda ma jaqilgħux biżżejjed biex jagħżlu alternattivi finanzjati mill-privat, dawn in-nies huma dejjem aktar fil-periklu li ma jkollhom ebda protezzjoni għall-anzjanità. Irridu nibdlu dan billi ninkludu dawn in-nies fis-sistemi pubbliċi tal-pensjoni.

- **Assigurazzjoni taż-żamma tad-drittijiet filwaqt li jiġu rispettati l-obbligi tat-taxxa** : Hekk kif aktar nies imorru f'diversi pajjiżi membri tal-UE matul il-ħajja tagħhom ta' xogħol, iħabbtu wiċċhom ma' għadd ta' problemi amministrattivi meta jridu jassiguraw li ma jitilfu xejn mill-benefiċċji għall-anzjanità li huma kisbu. Irridu negħlbu dan billi nassiguraw li l-benefiċċji kollha tal-pensjoni jkunu jistgħu jiġu trasferiti fl-UE kollha, u nassiguraw madankollu r-rispett tal-obbligi ta' kull individwu li jħallas it-taxxi.

- **L-għoti tad-dritt tat-terz'età lil kulħadd :** Permezz tal-iskemi pubbliċi tal-pensjoni, pensjonijiet privati u kundizzjonijiet aħjar ta' saħħa, għadd dejjem akbar ta' nies fl-istati membri tal-UE għandhom il-libertà li jagħżlu it-terz'età, **jiġifieri li jgħixu ħajja diċenti bejn iż-żmien tal-irtirar u meta jimirdu b'mard serju.** Din il-possibiltà hija mċaħħda lil dawk li jgħixu inqas snin f'saħħithom b'pensjoni baxxa jew l-ebda pensjoni. Irridu

niżviluppaw skemi flessibbli ta' pensjoni biex kulħadd jingħata d-dritt għat-terz'età. Dan jista' jimplika possibiltajiet ta' rtirar kmieni għal uħud u possibiltajiet ta' pensjonijiet posposti għal oħrajn.

- **It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE :** Il-gvernijiet tal-pajjiżi membri tal-UE għandhom jaqblu li joħolqu fi ħdan l-UE mekkaniżmu ta' rappurtaġġ u diskussjoni bejniethom fuq bażi annwali dwar is-sistemi rispettivi tagħhom tal-pensjoni. Dan għandu joħloq aktar trasparenza u jagħmilha possibbli biex jitqabblu l-gradi differenti ta' effettività li bihom l-iskemi nazzjonali tal-pensjoni huma mfassla biex inaqqsu l-problema tal-faqar, partikolarment fost il-gruppi l-aktar żvantaġġati bħan-nisa anzjani, l-immigranti, il-ġenituri ta' familji kbar, nies b'impjieg prekarju jew in-nies qegħda. Il-Parlament Ewropew kif ukoll il-parlamenti nazzjonali għandhom jiġu mistiedna biex jiddiskutu dawn ir-rapporti, u dawn tal-aħħar jiġu megħjuna biex ifasslu leġiżlazzjoni li tista' tkun strumentali biex tikkumbatti l-faqar fl-anzjanità.

## Għixien fi stat ta' saħħa – dritt uman bażiku

Stat ta' saħħa tajba hija kundizzjoni bażika għall-għixien tajjeb, u għall-Ħodor, li nipprevjenu l-perikli għal saħħitna huwa l-ewwel pass biex jintlaħaq dak il-għan. Saħħitna tiġi effettwata mill-kwalità tal-ambjent ta' madwarna, speċjalament l-ilma u l-atmosfera. Is-soċjetajiet tagħna jiffaċċjaw mard bħall-kanċer b'inċidenza tant qawwija li sar l-ewwel kawża ta' mortalità. Il-bdil fil-klima jpoġġi quddiemna sfidi ġodda għal saħħitna hekk kif ix-xejra tal-mard tinbidel u t-temperaturi għoljin fis-Sajf jeffettwaw lin-nies vulnerabbli. Saħħitna tiġi wkoll effettwata bil-kwalità tal-ikel li nieklu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol li ngħixu fihom, mill-kwalità tal-akkomodazzjoni tagħna, bil-mod kif naġixxu fl-ambjent tagħna … Għalina, ftit jagħmel sens li nippruvaw nirrimedjaw l-impatt ta' dawk il-fatturi kollha li jeffettwaw lil saħħitna, jekk ma nittrattawx l-ewwel l-għeruq tal-kawżi għal dan kollu.

Minħabba li għixien fi stat ta' saħħa tajba huwa wieħed mid-drittijiet umani bażiċi, aħna l-Ħodor nemmnu li hija r-responsabiltà tal-gvernijiet li jiddefinixxu politika ta' saħħa fid-dimensjonijiet ta' prevenzjoni u kura. Il-kura tas-saħħa huwa servizz ta' interess ġenerali u għalhekk, f'dan l-ispazju, f'każ ta' kontradizzjoni, l-interess ġenerali għandu jiġi l-ewwel fil-loġika tas-suq.

L-ewwel għan li għandu jkollhom il-gvernijiet huwa li kulħadd fis-soċjetà, jkollu aċċess għal kura ta' saħħa ta' kwalità. Ħadd m'għandu jitħalla mingħajr kura tas-saħħa, hu x'inhu l-istatus tiegħu fis-soċjetà tagħna. Dan jeħtieġ enfasi speċjali fuq dawk il-gruppi soċjali li huma l-aktar vulnerabbli, u għalhekk li kopertura universali u servizz affordabbli għandhom ikunu l-għanijiet ewlenin ta' kwalunkwe politika tas-saħħa. Barra minn hekk, aħna l-Ħodor nemmnu li n-nies għandu jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa, inkluża l-kura ta' saħħa mentali, viċin kemm jista' ta' fejn jgħixu; dan jeħtieġ netwerk intensiv u diversifikat ta' forrnituri tal-kura tas-saħħa, li jvarjaw minn tobba, assoċjazzjonijiet komunitarji u sptarijiet lokali għal istituzzjojnijiet kbar li jistgħu jittrattaw l-aktar każijiet diffiċli. F'dik il-perspettiva, nikkunsidraw li t-tobba u l-

ispeċjalisti (pedjatri, ġinekoloġi, dentisti…), li jgawdu relazzjoni twila u privileġġjata mal-pazjenti tagħhom għandhom rwol ewlieni biex jassiguraw kura tas-saħħa effettiva u effiċjenti.

Ħafna miżuri konkreti, speċjalment miżuri preventivi, li jikkontribwixxu għal soċjetà b'saħħitha huma elenkati f'partijiet oħra f'dan id-dokument u d'dokumenti oħra tal-EGP; b'mod aktar speċifiku rigward il-kura tas-saħħa,

**Aħna l-Ħodor nipproponu :**

- **Li l-gvernijiet jinkoraġġixxu b'mod attiv stili ta' ħajja b'sahhithom** li jipporomwovu mġiba tajba fejn jidħol l-ikel, l-eżerċizzju fiżiku, l-attivitajiet fil-ħin liberu, il-konsum tal-alkoħol, tabakk u drogi oħra, l-edukazzjoni dwar il-familja, il-prevenzjoni ta' mard trażmess sesswalment (inkluż l-HIV),…. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-imġiba responsabbli fis-sewqan hekk kif l-inċidenti tat-traffiku għadhom kawża ewlenija ta' mortalità fl-Ewropa kollha. Dan għandu jinkiseb billi jiżdiedu l-kampanja biex iqanqlu kuxjenza u programmi edukattivi immirati lejn it-tfal.

- **Li l-UE u l-gvernijiet itejbu l-leġiżlazzjoni dwar ambjent li jipprovdi saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.** Nemmnu li l-ħaddiema għandhom ikunu mħarsa mill-perikli bħal: ħsejjes, radjazzjoni mix-xemx u minn sorsi oħra, xogħol f'temperaturi eċċessivi u ħinijiet twal tax-xogħol. Għandhom jiżdiedu l-isforzi ta' infurzar f'dan il-qasam.

- **Li l-UE tneħħi s-sussidji kollha li għad fadal lill-industrija tat-tabakk** li għadhom parti mill-politika agrikola komuni.

- **Li l-UE tinkoraġġixxi l-istati membri biex jikkooperaw** fl-iżvilupp tas-sistemi tagħhom ta' kura tas-saħħa. Aħna l-Ħodor nipproponu pjanijiet ta' azzjoni mifruxa fl-UE biex jogħlew il-livelli ta' kura ta' kundizzjonijiet speċifiċi, kif qiegħed isir diġà fil-kura tal-kanċer. Fl-aħħar mill-aħħar, il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tiddefinixxi l-livelli minimi ta'kwalità fil-kura tas-saħħa.

- **Li l-gvernijiet jiedħu azzjoni li tassigura li jkun disponibbli numru suffiċjenti ta' staff mediku mħarreġ tajjeb** fl-UE kollha issa u fis-snin li ġejjin. It-tobba, speċjalment dawk li jaħdmu direttament mal-pazjenti, l-infermieri, l-istaff paramediku għandhom ikunu mħarrġa u jingħataw aċċess għall-professjoni tagħhom fi kwantitajiet xierqa biex ikun hemm netwerk intensiv u diversifikat ta' kura tas-saħħa.

- **Fi kwistjonijiet ta' kura tas-saħħa bejn il-fruntieri,** titjieb il-koordinazzjoni tas-servizz tas-saħħa bejn l-istati membri biex ikun assigurat li l-għadd dejjem jikber ta' nies li jiċċaċilqu minn pajjiż għall-ieħor ma jiffaċċjawx problemi bla bżonn. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu miżuri biex jiċċaraw ir-responsabiltajiet fil-każ ta' kura ta' saħħa bejn il-fruntieri, u tkun assigurata li l-possibilità għal ċittadini li jagħżlu li jiġu ttrattati barra pajjiżhom fi ħdan l-UE u jieħdu l-flus lura, ma jipperikolax is-sostenibilità tas-sistemi nazzjonali ta' kura tas-saħħa u sigurtà soċjali.

- **Koordinazzjoni fil-livell tal-UE biex tikkumbatti l-frodi u l-korruzzjoni** fis-servizzi tas-saħħa bejn fruntiera u oħra u jkun assigurat li l-flus jintefqu fil-kura tas-saħħa. Pereżempju, nisħqu fuq amministrazzjoni aħjar tal-koordinazzjoni bejn fruntiera u oħra dwar l-għoti tal-kura tas-saħħa kif ukoll ġlieda aktar effettiva kontra l-bejgħ u l-użu ta' mediċna ffalsfikata.

- **Li l-infrastrutturi tal-kura tas-saħħa jkunu żviluppati** u mantnuti li ma jkunux jiddependu fuq skemi bħal m'huma l-hekk imsejħa sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat li jipprovdu faċilitajiet illum iżda li jiswew ħafna lil min għada pitgħada jħallas it-taxxi.

- **Li t-tmexxija tas-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa** tkun inkoraġġita permezz, pereżempju, tal-involviment tal-pazjenti.

## Is-sigurtà soċjali – valur, mhux biss spiża

Il-mod kif hija finanzjata s-sigurtà soċjali ivarja minn pajjiż għall-ieħor. Il-finanzi huma pprovduti mit-taxxi li jitħallsu minn min iħallas it-taxxi, jew permezz tal-kontribuzzjonijiet soċjali bbażati fuq ix-xogħol. Ħafna mill-pajjiżi għandhom tendenza li jkollhom taħlita taż-żewġ għejjun ta' finanzjament.

Ħafna sistemi ta' sigurtà soċjali għaddew minn diffikultajiet finanzjarji fl-aħħar għoxrin sena għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali żiedu l-ispejjeż f'ħafna pajjiżi. It-tieninett, il-kura tas-saħħa jeħtieġ li tinfirex minħabba fl-età dejjem tikber fis-soċjetajiet tagħna, l-iżvilupp ta' mard ġdid u trattamenti dejjem aktar għaljin. It-tielet, iż-żieda fl-età tal-popolazzjoni tfisser li żdied l-ammont li s-soċjetà trid tħallas fuq il-pensjonijiet : aktar pensjonanti jgħixu fuq pensjonijiet għal perjodi itwal u s-sigurtà soċjali hija meħtieġa biex tilħaq mad-domanda dejjem tikber : id-dipendenza fir-raba' età. Ir-raba', f'kompetizzjoni ekonomika fejn il-ħiliet tal-ħaddiema huma importanti, l-Istati jridu jonfqu aktar flus fl-edukazzjoni. L-aħħar imma mhux l-anqas, il-kompetizzjoni fit-taxxi u l-pajjiżi fejn ma jitħallsux taxxi naqqsu r-riżorsi disponibbli lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw id-domandi jikbru tagħhom. Bħala eżempju, it-taxxi korporattivi naqsu fil-medja b'għaxar punti f'termini reali fl-UE fl-aħħar għaxar snin minħabba l-kompetizzjoni fiskali bejn l-istati membri.

Nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet finanzjarji li s-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħna qegħdin jiffaċċjaw, iżda ma nemmnux li s-soluzzjoni hija s-solitu t-taħlita bejn il-privatizzazzjoni u d-dispożizzjonijiet dejjem jiddgħajfu tas-sigurtà soċjali. Għal ħafna nies, il-benefiċċji soċjali (pensjonijiet, benefiċċji tal-qgħad…) huma l-uniku dħul jew huma investiment biex fuqu jinbena futur (l-edukazzjoni…).

Minħabba li qatt ma konna daqshekk « għonja », skont kif imkejjel mill-PGD, ikun paradossali li ma nkunux nistgħu niffinanzjaw programmi soċjali biex jilqgħu għar-riskji li qabel stajna

nilqgħu għalihom. Sabiex inlaħħqu mal-evoluzzjoni demografika u biex intejbu l-inklużjoni soċjali fl-Ewropa, aħna l-Ħodor konvinti li l-persentaġġ tal-PGD iddedikat lis-sigurtà soċjali kollu kemm hu ser ikollu jiżdied, anki meta jiqies l-impatt pożittiv tal-kura preventiva tas-saħħa u tat-tnaqqis tal-qgħad. Napprezzaw dan kemm bħala obbligu etiku kif ukoll bħala investiment fil-ġejjieni tagħna.

*F'dan il-kuntest, aħna l-Ħodor nipproponu l-miżuri li ġejjin*

- **Ftehim Ekoloġiku ġdid** : Inizjattiva flimkien bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha biex titħajjar mewġa ġdida ta' investimenti ekoloġiċi biex inħejju l-ekonomiji tagħna għall-era wara d-dominazzjoni taż-żejt u biex nevitaw aktar tibdil fil-klima. Dan ikun fl-istess ħin żieda fid-dħul tas-sistema tas-sigurtà soċjali filwaqt li jitnaqqas il-qgħad għaliex dawn l-investimenti joħolqu miljuni ta' imjiegi f'oqsma bħall-enerġija li tiġġedded, trasport kollettiv, agrikoltura organika, kostruzzjoni ekoloġika, … (Ara d-dokument "Viżjoni ħadra għall-Ewropa" għal aktar dettalji).

- **Biex il-kura preventiva tas-saħħa ssir prijorità** u biex immorru lil hinn mis-sistemi ta' kura tas-saħħa li huma biss orjentati fuq is-saħħa. Il-prevenzjoni tista' tnaqqas drastikament in-nefqa totali għas-saħħa (b'inqas żmien ta' leave, inqas riċetti tal-mard, eċċ.), li jfisser sistema aktar effiċjenti tal-kura tas-saħħa, aħjar għal saħħitna u għall-ekonomija.

- **Li l-bażi finanzjarja tas-sistemi tas-sigurtà soċjali titwessa'** pereżempju bl-inklużjoni ta' dħul mit-taxxi, qliegħ kapitali u konsum ta' enerġija... Il-korporazzjonijiet għandhom jassumu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali, li jimplika li tiżdied l-intensità u l-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali u soċjali u kontra l-evażjoni. L-Unjoni Ewropea tista' tkun l-aktar utli biex tiffissa u tinforza bażijiet armonizzati tat-taxxa kif ukoll rati minimi u differenzjati[2] tat-taxxi f'dawn l-oqsma. Ewropa tassew soċjali ma toqgħodx mingħajr Ewropa fiskali.

- **Tneħħija ta' inċentivi inġusti fuq taxxi għal pensjonijiet privati** : L-istati introduċew inċentivi fuq taxxi biex jinkoraġġixxu n-nies biex ifaddlu huma stess għall-pensjonijiet tagħhom. F'ħafna każi, dan il-flus pubbliku jintefaq b'mod aktar ġust u effiċjenti jekk jiġi indirizzat lejn l-iskemi pubbliċi tal-pensjoni. M'għandux ikun hemm inċentivi soċjalment inġusti fuq taxxi għal skemi privati.

- **Skrutinju tat-*tax breaks* u tnaqqis tal-kontribuzzjoni soċjali għal min iħaddem** : Ħafna pajjiżi Ewropej taw lil min iħaddem kull xorta ta' *tax break* jew riduzzjojnijiet fuq il-kontribuzzjonijiet soċjali. Nemmnu li għandu jsir skrutinju serju fuqhom f'termini ta' effiċjenza (pereżempju l-għadd u l-kwalità tal-impjiegi maħluqa). Aħna l-Ħodor favur il-modulazzjoni tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali skond il-kriterji soċjali u ambjentali.

---

[2] jiġifieri rata minimima tat-taxxa baxxa għal stati membri ġodda matul il-perjodu inizjali u rata aktar golja għal Stati Membri antiki tal-UE

# It-Triq 'il quddiem

Il-bini ta' Ewropa soċjali kienet *mantra* li ħafna rrepetew għal għexieren ta' snin. Madankollu, filwaqt li l-Unjoni tagħna tgawdi livelli ta' għixien li huma fost l-ogħla fid-dinja, il-kontinent tagħna qed jiffaċċja kwistjonijiet soċjali serji. L-inugwaljanzi fid-dħul qed jiżdiedu, mard li ħsibna li nqered qiegħed jerġa' jfeġġ, wisq tfal mhumiex qegħdin ikomplu jistudjaw, filwaqt li ħafna anzjani jgħixu f'kundizzjonijiet li mhumiex diċenti; id-diskriminazzjoni għadha realtà f'wisq postijiet; il-finanzjament ta' skemi tal-pensjoni u tas-saħħa tinsab f'riskju.

Għalina l-Hodor, Ewropa soċjali mhijiex biss addizzjonali mas-Suq Uniku Ewropew. Ewropa soċjali, li tagħti s-setgha lil kulħadd biex jgħix ħajja mimlija, fil-limiti tad-dinja tagħna u b'solidarjetà mal-popli tagħha u l-ġenerazzjonijiet futuri, hija parti integrali tal-identità Ewropea u ingredjent ewlieni għas-suċċess futur tagħna. Għixien f'saħħtu, bi dħul diċenti, fi djar li jixirqilhom li jissejħu hekk, bl-opportunità biex jiġu żviluppati l-abiltajiet u l-ħiliet ta' dak li jkun tul il-ħajja, ħidma f'impjiegi li jagħtu sodisfazzjon u joħolqu valur għall-individwu u għas-soċjetà, bil-possibilità li tinbena familja, li ngħixu ħajja twila u b'saħħitha f'soċjetà li ma tiddiskriminax : din kollha hija parti mill-wegħda li l-Ewropa għamlet liċ-ċittadini kollha tagħha, irrispettivament mill-oriġini etnika tagħhom, l-età tagħhom, is-sess tagħhom, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, l-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew kwalunkwe diżabilità.

It-twettiq ta' dik il-wegħda issa għandha terġa' tkun fil-qalba tal-azzjoni tal-Gvernijiet fl-Ewropa kollha. Fl-ogħla livell, l-Unjoni Ewropea għandha turi s-sens ta' tmexxija u inizjattiva tagħha biex tiddefinixxi miri ambizzjużi u tiddefinixxi standards fil-qasam tal-politika soċjali. U dawn m'għandhomx jorbtu inqas minn dawk li ppermettew il-ħolqien ta' suq uniku jew tal-Euro; għall-Hodor, miri soċjali huma diffiċli daqs il-miri ekonomiċi u finanzjarji.

Kif uriet l-istorja, standards soċjali dejjem jogħlew mhumiex qegħdin imorru kontra l-iżvilupp ekonomiku. Għal kuntraru, l-imminar ta' dawk l-istandards huwa l-aktar mod ċert għall-Ewropa biex taqbad it-triq tan-niżla li ser iħalluha ifqar milli kienet. Fil-verità, l-Ewropa kienet fuq quddiemnett fl-isfruttament ta' din il-pjaneta, iżda anki fil-bini ta' soċjetà aktar soċjalment sostenibbli. F'mument meta madwarna, naraw popolazzjonijiet tad-dinja imxennqa mhux biss għal kumditajiet materjali, iżda anki għal titjib sostanzjali fil-kwalità ta' ħajjithom, issa mhuwiex iż-żmien biex naqtgħu qalbna minn din il-wegħda. Pjuttost, issa ż-żmien għan-nies kollha tad-dinja biex flimkien jaqbdu t-triq ta' żvilupp sostenibbli, li titgħallem mill-passat fit-tnaqqis drastiku tal-konsum tagħna ta' għejjun li ma jiġġeddux u l-emissjonijiet tagħna ta' gassijiet tas-serra.

Is-sejba ta' triq għal dan il-ftehim ġdid għaċ-ċittadini tal-Ewropa u tad-dinja mhux ser isseħħ waħedha. L-isfidi huma kbar ħafna : li tipprovdi edukazzjoni, tassigura s-saħħa u tagħmilha affordabbli għal kulħadd, tiġġieled il-faqar u d-diskrimazzjoni filwaqt li żżomm is-sistemi soċjali finanzjarjament soda mhijiex xi ħaġa faċli. Teħtieġ l-involviment tal-atturi kollha. Il-gvernijiet, mil-livell lokali sa dak Ewropew, li jagħtu kont liċ-ċittadini tagħhom, għandhom jieħdu lura l-inizjattiva, billi jerggħu jiddefinixxu l-prijoritajiet lejn il-miri soċjali. Fil-qosor, in-nies għandhom jitqegħdu lura fil-qalba tal-aġenda. L-impriżi ta' kull daqs għandhom ukoll jiffaċċjaw dawn l-isfidi ġodda; il-ħolqien ta' valur ta' azzjonist bħala mira jeħtieġ li jinbidel mal-ħolqien tal-valur tal-azzjonist, b'mod bilanċjat. Iżda, għandna nkunu wkoll aħna ċ-ċittadini, fid-diversi kapaċitajiet tagħna, pereżempju bħala konsumaturi, studenti, ħaddiema (impjegati jew le) jew bħala mexxejja fil-kummerċ, biex inġibu ruħna b'mod responsabbli. Filwaqt li lkoll nistgħu nibbenefikaw minn Ewropa tabilħaqq soċjali, din ma ssirx realtà jekk ilkoll ma nagħtux sehemna, f'kull mod kbir jew żgħir, biex tinbena din is-soċjetà ġdida.

Vot meħud mill-Kunsill tal-EGP

11 t'Ottubru, 2008

Montreuil, Franza